Vol 34
Nru 181
Lulju - Settembru 2013

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



## L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2013

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Ċenaklu: Is-Sala ta' fuq*

# Werrej



7



16



19



24


7 Storja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa: Il-Franġiskani jakkwistaw iċ-Ċenaklu

16 Ħarsa lejn il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet

19 Kristu Medjatur ta' Patt Ġdid

24 Il-Qawwa u l-Glorja tal-Fidi fl-Ittra lil-Lhud, Kapitlu II (It-Tielet Parti)

33 Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Luqa u fl-Atti tal-Appostli (3)

40 L-Imperatur Kostantinu u l-Art Imqaddsa




33

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## "Final Status Agreement" fl-Art Imqaddsa?

F'dawn l-aħħar xhur rajna attività intensa ta' *shuttle diplomacy* min-naħa tas-Segretarju tal-Istat Amerikan John Kerry, li kien ġej u sejjer fl-Art Imqaddsa biex jipprova jirxoxta t-trattattivi bejn Israel u l-Awtorità Palestinjana, li kienu ilhom weqfin għal dawn l-aħħar tliet snin. Wara ħafna sforzi tħabbar li t-taħdidiet jistgħu issa jibdew u li fil-fatt se jingħata bidu immedjat għalihom fl-14 ta' Awwissu bi sforz miż-żewġ naħat li se jiltaqgħu kemm f'Israel kif ukoll fit-Territorji tal-Awtorità Palestinjana, li hemm min qed jinsisti li jissejħu sempliċement bl-isem ta' Palestina, daqs li kieku huma diġà Stat rikonoxxut mill-komunità internazzjonali.

Il-gazzetti u l-mezzi tax-xandir qed ifaħħru l-inizjattiva u jpinġu lill-Prim Ministru Israeljan Binyamin Netanyahu u l-President Palestinjan Mahmoud Abbas bħala eroj. Politiċi bħal Tzipi Livni, in-negozjatriċi Israeljana, u Saeb Erekat, in-negozjatur Palestinjan, issa jidhru quddiem l-opinjoni pubblika bħala garanzija ta' suċċess fil-ġejjieni tat-taħdidiet.

Bħala ġest ta' rieda tajba Israel se jeħles mijiet ta' ħabsin politiċi Palestinjani, u min-naħa tagħhom il-Palestinjani mhux qed jinsistu li t-tkabbir u l-bini ta' insedjamenti Israeljani fit-Territorji okkupati hu ta' ostaklu biex jibdew it-taħdidiet. Wieħed ma għandux jinsa



*...editorjal*

*"Final Status Agreement" fl-Art Imqaddsa?*

li l-ostaklu ewlieni li waqqaf kull diskussjoni ta' rieda tajba kien il-fatt li Israel kompla jestendi l-insedjamenti li wħud minnhom saru issa bliet kbar, l-aktar madwar Ġerusalemm. Sa kemm qegħdin niktbu dan l-editorjal, Israel ħabbar li se jibni madwar elf dar ġdida f'Ġerusalemm tal-lvant u fl-insedjamenti oħrajn fit-Territorji okkupati. Min-naħa tiegħu Israel qed jgħid li se jagħmel ġest ta' rieda tajba billi jagħti l-libertà lil xi ftit mijiet ta' priġunieri politiċi Palestinjani.

Jidher li rieda tajba hemm. Imma huma bosta dawk li jistaqsu jekk din l-inizjattiva, fil-fatt, hix se tagħti l-frott mixtieq. Għalkemm tajjeb li wieħed jibqa' jittama li n-negozjati jistgħu jwasslu għal ġejjieni aħjar għall-Palestinjani, bil-ħolqien ta' stat indipendenti għalihom, għad hemm bosta diffikultajiet biex jintlaħaq dak li qed jitqies bħala "final status agreement" bejn iż-żewġ partijiet. X'inhuma d-diffikultajiet reali li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-Israeljani u l-Palestinjani? Nippreżentawhom biex nuru wkoll l-isbilanċ li hemm bejniethom u d-diffikultà kbira li l-ħolma ta' paċi dejjiema ssir realtà kif iridu Barak Obama u James Kerry.

Min-naħa Israeljana hemm nuqqas ta' fiduċja fil-kapaċità tal-Awtorità Palestinjana li twaqqaf attakki terroristiċi kontra ċittadini Israeljani. Israel qed jiddefendi lilu nnifsu permezz ta' numru kbir ta' kontrolli (check points) u permezz tal-ħajt ta' sigurtà li bena madwar it-Territorji Palestinjani, biex hekk jikkontrolla l-moviment ta' nies u mezzi. Il-gvern Israeljan jgħid li hu favur il-ħolqien ta' Stat għall-Palestinjani, imma bil-kundizzjoni li dan ikun demilitarizzat, li jkollu l-fruntieri tiegħu kkontrollati minn territorju Israeljan, u li ma jkollux il-kapitali tiegħu f'Ġerusalemm tal-lvant. Fil-prattika dan ifisser li l-iStat Palestinjan futur se jkun imdawwar kollu kemm hu minn territorju Israeljan, u li għaldaqstant ma jkollux il-fruntieri li jsegwu l-"green line" kif kien jeżisti sal-1967. F'kelma oħra l-Palestinjani jitilfu l-wied kollu tax-xmara Ġordan, kif ukoll meded kbar ta' art li ġew inkorporati fl-insedjamenti li Israel bena madwar Ġerusalemm

u f'postijiet oħrajn tax-Xatt tal-Punent, l-aktar fis-Samarija. Min-naħa tagħhom l-Israeljani jgħidu li lesti jinnegozjaw "land swaps" bejn artijiet li diġà bnew f'territorji Palestinjana u meded oħrajn ta' art minn Israel li huma joffru lill-Palestinjani bħala kumpens. Imma liema huma dawn il-meded ta' art ħadd ma jaf. X'aktarx li huma meded ta' deżert fejn ma hemmx ilma u l-ebda infrastruttura. U rigward il-kwestjoni ta' Ġerusalemm, li Israel iddikjaraha bħala l-belt kapitali unika, unifikata u eterna tiegħu, Israel ma jrid jaf bl-ebda kompromess.

Il-Palestinjani huma ffrustrati li l-proċess ta' paċi ilu wieqaf minn Settembru 2010, ħtija tal-intransiġenza Israeljana li tkompli tibni u tkabbar insedjamenti f'artijiet li l-Palestinjani jqisuhom tagħhom. Huma jridu Stat indipendenti li jkun mibni fuq il-fruntiera tal-"green line" tal-1967, u li għalhekk ikollu fruntiera naturali mal-Ġordanja, li jkun Stat kontigwu, jiġifieri mhux magħmul minn irqajja' ta' art separati imma minn territorju li jkompli b'mod naturali, ħlief fil-każ tal-iStrixxa ta' Gaza, u li jkollu lil Ġerusalemm tal-lvant bħala l-kapitali tiegħu. Iridu li Israel ineħħi l-ħajt ta' sigurtà u l-postijiet ta' blokk militari (check points) li jtellfu l-moviment ħieles tal-poplu Palestinjan. Fuq kollox iridu li Israel jieqaf jibni u jkabbar insedjamenti f'art okkupata, li fiha f'medda ta' 46 sena ta' okkupazzjoni daħlu jgħixu man-nofs miljun Israeljan. Irid li Israel jagħti d-dritt tar-ritorn lil eluf ta' refuġjati Palestinjani li kellhom jaħarbu ħtija tal-gwerer tal-1948 u tal-1967.

Din id-dehra panoramika tas-sitwazzjoni tfiehem waħidha kemm hu iebes li jintlaħaq ftehim stabbli u dejjiemi li jsolvi darba għal dejjem il-problema Israeljana-Palestinjana, dak li l-Amerikani qed isejħulu "final status agreement". Hemm il-periklu li jekk il-Palestinjani jaċċettaw xi forma ta' ftehim finali ma' Israel, dan ikun ifisser li huma se jibqgħu b'li jkunu ħadu u li qatt aktar fil-futur ma jkunu jistgħu jirrivendikaw drittijiet oħrajn li tilfu. Hekk, per eżempju, jekk ma jirnexxielhomx jakkwistaw lil Ġerusalemm tal-lvant bħala belt kapitali tal-iStat Palestinjan fil-"final status agreement", dan ikun ifisser li fil-futur qatt aktar ma jkunu jistgħu jiftħu negozjati fuq din il-kwestjoni.

Sadanittant Israel baqa' għaddej bil-politika tiegħu ta' diplomazija li biha "jixtri ż-żmien" b'xi konċessjonijiet minimi lill-Palestinjani, filwaqt li jibqa' jokkupa

l-art u jibni insedjamenti li saru bliet kbar f'żoni li fihom kien hemm għoljiet għammiela kollhom siġar taż-żebbuġ. Fil-każ ta' Ġerusalemm il-gvern Israeljan, bil-fomm tal-prim ministru Netanyahu, hu unanimu: "Ġerusalemm mhijiex insedjament, imma l-belt kapitali tal-iStat ta' Israel, u l-ebda pajjiż ma għandu d-dritt jindaħlilna fejn aħna nibnu djar għaċ-ċittadini tagħna."

Il-gvern Palestinjan ukoll, mix-xeħta, għandu r-raġunijiet tiegħu biex in-negozjati jtulu kemm jista' jkun. F'dawn l-aħħar 60 sena l-Palestinjani irċevew miljuni ta' dollari ta' għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp fl-infrastruttura, saħħa, ekonomija, edukazzjoni, u ż-żamma tal-ordni pubbliku. Bliet Palestinjani bħal Betleħem u Ramallah jagħtuk impressjoni tajba, u ftit jidher il-faqar li għadu jsaltan f'żoni oħrajn tax-Xatt tal-Punent u Gaza. Xi nies influwenti Palestinjani, anke membri tal-partit Fatah fil-gvern, saru miljunarji anke frott ta' korruzzjoni u inġustizzja fit-tqassim ta' fondi ta' għajnuna. Għal nies bħal dawn hu importanti li jittawwal iż-żmien għal "final status agreement" biex jibqgħu deħlin il-miljuni b'għajnuna, u hekk iħaxxnu bwiethom. Din ukoll hi realtà ta' min iqisha biex jifhem il-komplessità tas-sitwazzjoni.

Quddiem dawn il-fatturi kollha hu tassew diffiċli li wieħed jemmen li tassew hemm rieda tajba mill-partijiet involuti biex tinstab soluzzjoni għall-problema Israeljana-Palestinjana. L-Amerika dan kollu tafu tajjeb, imma donnha qed tkompli tinsisti li għandu jintlaħaq ftehim kemm jista' jkun malajr, għax għadda wisq żmien. Il-biża' ta' kull min jaf jaħseb hi li ftehim bħal dan se jkun wieħed mgħaġġel u impost fuq il-Palestinjani, hekk li jkollhom jaċċettaw dak li jagħtuhom bla kundizzjonijiet. Dak li ftit qed jindunaw bih hu li din is-sitwazzjoni ta' "stalemate" ma tistax tibqa' għaddejja bla ebda limitu. Jekk din id-darba l-partijiet ma jaslux verament għal ftehim li jħares id-drittijiet tagħhom it-tnejn, il-futur fl-Art Imqaddsa jista' jkun biss wieħed ta' tkomplija ta' tixrid ta' demm u vjolenza, li mmarkaw b'mistħija kbira għall-partijiet kollha involuti, dawn is-60 sena u fuqhom tal-problema Israeljana-Palestinjana. Perjodu li jħammar wiċċ il-komunità internazzjonali li ma kinitx kapaċi ssolvi problema li donnha ma hi se tintemm qatt.



# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA: IL-FRANĠISKANI JAKKWISTAW IĊ-ĊENAKLU

*Noel Muscat ofm*

Iċ-Ċenaklu jimmarka l-qofol oriġinali tal-preżenza stabbli tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Għall-Kristjanità hu Post mill-aktar Qaddis, li fih l-Insara jfakkru t-twaqqif tal-Ewkaristija waqt l-Aħħar Ċena, il-Ħasil tar-Riġlejn tal-Appostli, id-Dehra ta' Kristu Irxuxtat lill-Appostli nhar Ħadd il-Għid filgħaxija, u l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq Marija u l-Apposti nhar

*Ritratt antik tal-Kumpless taċ-Ċenaklu*




Għid il-Ħamsin. Bir-raġun kollu ċ-Ċenaklu ġie msejjaħ "Omm il-Knejjes kollha" mill-Konċilju Kostantinopolitan I (381) u minn San Ġwann Damaxxenu (Omelija 2 fil-festa tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija).

## L-Istorja bikrija taċ-Ċenaklu

L-istorja taċ-Ċenaklu hi waħda twila u kumplessa. L-Isqof San Epifanju, li kien mill-Palestina (310-403) jagħtina l-eqdem informazzjoni rigward iċ-Ċenaklu. Hu jgħid li sab din l-informazzjoni f'dokument tat-2 seklu. Fost affarijiet oħrajn jikteb: "(L-Imperatur) Adrijanu sab il-belt meqruda u t-Tempju ta' Alla mfarrak sal-art u profanat ħlief għal xi ftit djar u ċerta knisja ċkejkna tal-Insara, li kienet inbniet fuq il-post fejn id-dixxipli kienu nġabru wara li l-Mulej tela' s-sema mill-Għolja taż-Żebbuġ." Din l-opinjoni ta' Epifanju hi bbażata fuq il-fatt li, wara li l-Insara ħarbu mill-Palestina fis-sena 70 WK wara l-qerda tat-Tempju u sabu kenn f'Pella fil-Ġordanja, huma mbagħad reġgħu lura Ġerusalemm u bdew jgħixu mill-ġdid fil-Belt Qaddisa. L-istess konferma tal-eżistenza taċ-Ċenaklu jagħtihielna San Ċirillu, Isqof ta' Ġerusalemm (313-386), kif ukoll il-pellegrina Egeria (384) li tagħtina deskrizzjoni tal-liturġiji li kienu jiġu ċċelebrati f'dan il-post. Il-knisja taċ-Ċenaklu ġiet restawrata minn San Massimu (331-349) u mbagħad ġiet trasformata f'Bażilika mill-Isqof Ġwann II (386-417).

Iċ-Ċenaklu kien ukoll post marbut ma' avveniment ieħor li qajjem ħafna inkwiet għall-Insara fl-Art Imqaddsa. Fis-sena 415, il-fdalijiet ta' San Stiefnu, Djaknu u l-ewwel Martri, ġew trasferiti fil-Bażilika ta' Sijon minn Kefar Gamala (Bet Giamal) fejn kienu nstabu minn qassis jismu Luċjanu, wara li kienu ndifnu hemmhekk fl-1 seklu minn Gamaljel. Fis-sena 460 dawn ir-relikwi mill-ġdid ittieħdu miċ-Ċenaklu fil-Bażilika li nbniet mill-Imperatriċi Eudocia fit-tramuntana ta' Ġerusalemm b'tifkira tal-Martri San Stiefnu. Il-fdalijiet ta' din il-Bażilika jinsabu fejn illum hemm il-Bażilika ta' Saint Etienne tal-École Biblique

tad-Dumnikani. Maż-żmien xi pellegrini bdew ifittxu fuq l-Għolja ta' Sijon il-Qabar tar-Re David, għaliex huma kienu bdew iħawdu l-Għolja ta' Sijon tal-Lhud mal-Għolja ta' Sijon tal-Insara. Huma kienu jibbażaw dan it-twemmin tagħhom fuq il-kliem li Pietru qal nhar Għid il-Ħamsin meta ppriedka proprju qrib iċ-Ċenaklu: "Ħuti, ħalluni ngħidilkom kif inħossha fuq il-patrijarka David: hu miet u kien midfun u l-qabar tiegħu għadu magħna sal-lum" (Atti 2,29).

Il-Bażilika tal-Għolja ta' Sijon, magħrufa fi żmien il-Biżantini bħala Hagia Sion (Sijon il-Qaddisa) ġiet meqruda mill-Persjani fis-sena 614. Il-Patrijarka Modestus irrestawra din il-Bażilika, li kienet ġustament meqjusa bħala "Omm il-Knejjes kollha". Minn dan iż-żmien tradizzjoni oħra devota bdiet torbot l-Għolja



*Il-Qabar tar-Re David taħt iċ-Ċenaklu*

ta' Sijon mal-post fejn il-Verġni Marija kompliet tgħix wara Pentekoste u fejn ħalliet din id-dinja. Għal din ir-raġuni l-Bażilika ta' Hagia Sion kienet tfakkar kemm iċ-Ċenaklu kif ukoll id-Dormitio Virginis (Dormizzjoni jew Raqda tal-Verġni Marija).

It-tradizzjoni tal-Qabar ta' David ma mititx. Sas-seklu 7 l-Insara kienu jqimu l-Qabar ta' David f'Betleħem. Matul is-seklu 7 il-festa ta' San David bdiet tiġi ċċelebrata fuq l-Għolja ta' Sijon fis-26 ta' Diċembru (li jaħbat ukoll jum il-festa tal-Martirju ta' San Stiefnu), u kompliet sas-seklu 10, meta l-Qabar ta' David beda jiġi assoċjat definittivament mal-Għolja ta' Sijon. Kittieba Musulmani bdew iżommu din it-tradizzjoni, u nsibu fil-kitbiet ta' Al Muqaddasi fis-sena 989 li l-Lhud u l-Insara kienu jemmnu li l-Qabar ta' David jinsab fuq is-Sijon.

Bil-miġja tal-Kruċjati fl-1099, it-tradizzjoni kompliet u f'dan il-post huma kienu jqimu l-Qabar ta' David u ta' Salamun, u l-Qabar ta' San Stiefnu, l-ewwel Martri. Il-Kruċjati reġgħu bnew il-Bażilika ta' Hagia Sion u semmewha Santa Marija tal-Għolja ta' Sijon. Taħt saqaf wieħed huma ġabru flimkien f'erba' kappelli l-avvenimenti differenti tal-Aħħar Ċena u dawk marbutin mad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija. Fil-fatt il-Bażilika kienet tiġbor fiha ċ-Ċenaklu bil-Kamra ta' Fuq, il-Kamra tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu maġenbha, u taħthom il-Kamra tal-Ħasil tar-Riġlejn tal-Appostli, kif ukoll il-Post Qaddis tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija. Il-Bażilika kienet amministrata mill-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, li kellhom f'idejhom ukoll il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u dik tan-Nativitá f'Betleħem.

Fl-1187 Saladin rebaħ Ġerusalemm. Hu ma qeridx il-Bażilika imma taha lis-Sirjani. Fl-1219 is-Sultan Melek el-Muadden ordna li tinqered parti mill-Bażilika. Fl-1212 żar l-Art Imqaddsa l-pellegrin Wilbrand ta' Oldenburg, li kiteb li l-monasteru tal-Għolja ta' Sijon kien okkupat minn monaċi Sirjani. Fl-1244 l-Bażilika ta' Hagia Sijon ġiet meqruda għal kollox, ħlief għall-Kamra ta' Fuq li l-pellegrini komplew iżuruha u jiktbu dwarha meta jsemmu ċ-Ċenaklu fuq


*Il-kunventin oriġinali tal-Franġiskani fuq l-Għolja ta' Sijon*

l-Għolja ta' Sijon. Iċ-Ċenaklu kien jinsab fl-abside tal-lemin tal-Bażilika mġarrfa tal-Għolja ta' Sijon. Fil-bidu tas-seklu 14 dan il-kumpless kien għoddu ġġarraf għal kollox, ħlief għal xi arkati superjuri u inferjuri taċ-Ċenaklu. Ftit qabel, qrib is-snin 1292-1294, il-pellegrin Dumnikan Ricoldo di Monte Croce sab biss fdalijiet fuq l-Għolja ta' Sijon, u jgħid li qrib il-Kamra tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu kien hemm minaret u post ta' talb tas-Saraċini. Fl-*Itinerarium* tiegħu jgħid ukoll li ċċelebra l-Quddiesa b'ħafna dmugħ f'dan il-post u bil-biża' li jiġi maqbud mis-Saraċini, u li hemmhekk l-Insara kienu jqimu l-kolonna tal-Flaġellazzjoni ta' Ġesù.

## L-ewwel tentattivi biex jinkiseb iċ-Ċenaklu

Kien hemm diversi fatti matul is-seklu 14 li ħejjew lill-Franġiskani biex jiksbu ċ-Ċenaklu. Mill-1303 sar aktar faċli għall-Franġiskani biex iżuru l-Postijiet Qaddisa u jassistu lill-iskjavi u ħabsin Insara. Diġà fl-1309, fi żmien is-Sultan Mozaffer Rokneddin sar tentattiv, imma li falla, biex il-Franġiskani jakkwistaw il-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem. Mill-1310 il-kronisti jagħtuna ħjiel dwar *innumerabiles peregrini* (kotra ta' pellegrini) li kienu jżuru l-Postijiet Qaddisa. Mill-1303 sal-1327 saru diversi kuntatti diplomatiċi mil-Aragoniżi mal-Eġittu a favur tal-Franġiskani. Qabel l-1324 hu dokumentat sptar tal-Venezjani f'Ġerusalemm. Fl-1323-1327 hi ddokumentata l-preżenza temporanja tal-Franġiskani għas-servizz tal-Qabar ta' Kristu, privileġġ li akkwsita għalihom ir-Re Jaime II ta' Aragona. Fl-1328 il-Ministru Provinċjal tal-Art Imqaddsa, li kien residenti f'Ċipru, ingħata l-mandat li jibgħat żewġ patrijiet fis-sena f'Ġerusalemm biex jassistu spiritwalment lill-Insara.

L-akbar xhieda favur dan kollu hi l-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali*, li tieqaf partikolarment fuq is-snin 1332-1333 bħala snin kruċjali fil-preżenza stabbli tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Il-protagonista ta' dan l-avveniment importanti kien jismu fra Roger Guérin.

Roger Guérin kien Franġiskan tal-Provinċja ta' Aquitaine fi Franza. Fl-1332 il-Ministru Ġeneral Gerard Eudes, li kien ukoll membru tal-Provinċja tiegħu, bagħtu bħala missjunarju fl-Orjent flimkien ma' patrijiet oħrajn. Il-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali* tgħid (*Analecta Franciscana* III, 506):

"Fis-sena tal-Mulej 1332 u 1333 dan l-istess Ġeneral, fuq it-talba tas-sinjur Żakkarija, arċisqof ta' San Taddew fl-Armenia, bagħat ħafna patrijiet mill-Provinċja ta' Aquitaine u minn partijiet oħrajn tal-Ordni biex imorru jikkonvertu l-Armeni li kienu sudditi tal-Armenja l-kbira, u magħhom persuni oħrajn bla fidi; hu ried ukoll li huma jħarsu l-għaqda mal-Knisja mqaddsa Rumana. Fost dawn il-patrijiet kien hemm fra Roger

Guérin, li kien membru tal-Provinċja li semmejna. Hu mar fl-Art Imqaddsa u kiseb mis-Sultan tal-Eġittu l-Post Qaddis tal-Għolja ta' Sijon, fejn hemm il-Kamra kbira ta' fuq jew Ċenaklu, fejn il-Mulej kiel l-Aħħar Ċena mad-dixxipli tiegħu, u fejn l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli nhar Għid il-Ħamsin taħt l-ilsna tan-nar. F'dak il-Post il-patrijiet bnew kunvent, u minn dak il-waqt sal-ġurnata tallum il-patrijiet tagħna jgħixu hemmhekk u fil-Qabar ta' Kristu."

Din il-ġrajja seħħet waqt li kien Ġeneral Gerard Eudes (1320-1342) li mbagħad sar Patrijarka ta' Antjokja minn Klement VI fis-27 ta' Novembru 1342. Il-Ministru Provinċjal tal-Art Imqaddsa kien jismu fra Federico di Monte Vico, li kellu r-residenza tiegħu f'Nicosia, f'Ċipru. Il-metropolita ta' Ċipru dak iż-żmien kien ukoll Franġiskan minn Aquitaine jismu fra Elia de Nabinaux (elett metropolita fis-16 ta' Novembru 1332). Dan irċieva l-awtorizzazzjoni tal-Papa Ġwanni XXII biex iżur l-Art Imqaddsa flimkien ma' ħamsin persuna fl-1333. Din il-koinċidenza mhix kumbinazzjoni, għax turi kemm il-Franġiskani tal-Provinċja ta' Aquitaine kienu qed jitħabtu biex l-Ordni Franġiskan jikseb preżenza stabbli fl-Art Imqaddsa, u preċiżament fuq l-Għolja ta' Sijon.

Kronista Franġiskan ieħor, fra Johannes ta' Winterthur, jagħti xhieda li fl-1343 il-Franġiskani kienu preżenti fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u fil-kunvent taċ-Ċenaklu.

Fra Roger Guérin tassew jistħoqqlu l-ġieħ li daħħal lill-Franġiskani b'mod stabbli fl-Art Imqaddsa. Skont id-dokumenti storiċi hu kien preżenti f'Ġerusalemm mill-1333 sas-6 ta' Marzu 1337, u kien l-ewwel wieħed fost il-Gwardjani tal-kunvent tal-Għolja ta' Sijon. F'dan iż-żmien hu rnexxielu jakkwista l-art madwar iċ-Ċenaklu. Miegħu jissemmew il-Franġiskani Giovanni di Francesco, Adolfo di Rocco u Bartolomeo di Guglielmo.

Il-mistoqsija li tiġina spontanja hi: kif seta' fra Roger, li kien Franġiskan li jipprofessa l-faqar, jixtri l-proprjetà taċ-Ċenaklu mill-awtoritajiet Islamiċi tal-Art Imqaddsa? Fejn sab il-mezzi għal dan ix-xiri?



*Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa fiċ-Ċenaklu*

It-tweġiba nafuha. Hu kien megħjun minn benefattriċi insinji tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Din kienet Donna Margherita di Sicilia, li kienet tgħix fl-Isptar tal-"Muristan" maġenb il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li antikament kien il-post fejn twieldu u għexu l-Kavallieri ta' San Ġwann. Kien f'dan l-Isptar li sabu kenn fra Roger u sħabu l-Franġiskani meta waslu Ġerusalemm, għax hemmhekk kienu joqogħdu l-pellegrini li kienu jaslu fl-Art Imqaddsa. Sakemm inbena l-kunvent taċ-Ċenaklu mill-1333 sal-1337 dawn il-Franġiskani kienu jgħixu f'dan l-Isptar u saru midħla ta' Donna Margherita.

## Donna Margherita ta' Sqallija u l-Franġiskani f'Ġerusalemm (1335)

Donna Margherita, mara nobbli minn Sqallija, tissemma mill-kronista Ludolph ta' Sudheim fl-1336 bħala d-direttriċi tal-Isptar tal-pellegrini f'Ġerusalemm. Kif rajna dan l-Isptar kien jinsab fejn illum hemm iż-żona tal-Muristan quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u għandu storja glorjuża, għax fih twieled l-Ordni Sovran Militari Ospedalier tal-Kavallieri ta' San Ġwann eżattament 900 sena ilu, fil-15 ta' Frar 1113, bil-Bulla *Pie postulato voluntatis* tal-Papa Paskal II, taħt it-tmexxija tal-fundatur l-Beato Gerardo Sasso di Scala. Dan l-Isptar, iżda, kien jeżisti qabel it-twelid tal-Kavallieri ta' San Ġwann, għax fil-fatt kien ġie mwaqqaf minn Charlemagne qrib is-sena 800, meta kien Kalif Harun el Raschid (786-809). Charlemagne bena monasteru kbir tal-Benedittini f'dan il-post, flimkien ma' knisja, biblijoteka u ospizju għall-pellegrini. Minħabba f'hekk din iż-żona u l-knisja kienet magħrufa bħala *Santa Maria Latina*. Il-monasteru baqa' wieqaf sal-1009 meta ġie meqrud mill-Kalif fanatiku Fatimita Al-Ħakim, li qered ukoll il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Fl-1048 xi merkanti Amalfitani akkwistaw il-fdalijiet tal-monasteru u tal-knisja ta' Santa Marija Latina u bnew ospizju għall-pellegrini, bi knisja ddedikata lil San Ġwann Elemożinier. Dawn l-Amalfitani huma meqjusin bħala l-ewlenin Kavallieri ta' San Ġwann. Meta l-Kruċjati daħlu Ġerusalemm fil-15 ta' Lulju 1099 huma sabu li l-Isptar kien immexxi minn fra Gerardo Sasso di Scala. Dan kien il-veru fundatur tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li biddlu r-Regola tagħhom minn dik Benedittina għal dik Agostinjana u ddedikaw l-Ordni lil San Ġwann Battista.

Sudheim jgħidilna li "quddiem il-knisja tal-Qabar ta' Kristu kienu jgħixu l-aħwa ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, u li dan il-palazz illum hu magħruf bħala l-ospizju tal-pellegrini." Kien f'dan l-Isptar li l-pellegrini kienu jiġu milqugħin, malli jirfsu l-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm u jkunu ħallsu t-tribut lill-Gvernatur u irreġistraw isimhom. Sudheim ikompli: "F'dan il-palazz jew ospizju, meta jien kont hemm, kien hemm mara nobbli, jisimha Margherita minn Sqallija. Din kellha ħuha li kien kanonku tal-Qabar ta' Kristu, u kien jismu Nikola. Din Margherita tgħin b'kull mod lill-Insara li jiġu hemmhekk, wara li jkunu sofrew min jaf kemm tribulazzjonijiet u tbatijiet, u minħabba l-fedeltà tagħha hi rrispettata ħafna mis-Sultan."

Kienet din Margherita li għenet lil fra Roger biex jagħmel żewġ atti ta' xiri ta' proprjetà. Dawn iż-żewġ atti saru f'Ġerusalemm u jġibu d-data tal-15 ta' Mejju u 19 ta' Settembru 1335. Fl-ewwel att nafu li "Margherita, bint Giovanni, fra Roger iben Stiefnu u fra Giovanni di Francesco" akkwistaw mill-amministratur tat-teżor pubbliku ta' Ġerusalemm biċċa art, li tmiss mal-knisja antika tal-Għolja ta' Sijon u fuq t-tramuntana mal-Imqaddes Ċenaklu, għall-valur ta' 1000 drakmi tal-fidda. Fit-tieni att hemm miktub li Margherita biegħet lil fra Roger iben Stiefnu



*Il-Kamra tal-Ispirtu s-Santu*

t-tielet parti li kienet tmiss lilha minn din l-art, għall-prezz ta' 400 drakmi tal-fidda.

Golubovich tana edizzjoni kritika taż-żewġ atti ta' xiri li huma miżmumin fl-arkivju tal-*iStatus Quo*, sezzjoni firmani, tal-kunvent ta' San Salvatur fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa. L-ewwel dokument iġib id-data 15 ta' Mejju 1335 (21 tax-xahar ta' Ramadan, tal-Egira 735). Margherita, bint Giovanni, u l-patrijiet Minuri Roger u Giovanni xtraw mill-Qâdi Xarraf ed-din Muħammad, amministratur tat-teżor pubbliku ta' Ġerusalemm, biċċa art li tmiss mal-knisja tal-Għolja ta' Sijon (li kienet imġarrfa), u li fuq it-tramuntana tagħha kien hemm wieqaf iċ-Ċenaklu. Il-valur tal-art kien ta' elf drakmi tal-fidda.

It-tieni att ta' xiri jgħid li fra Roger akkwista mingħand Donna Margherita, terz mill-art li kienet proprjetà tagħha (billi kienet xtratha hi), u li hi ndikata fil-kuntratt preċedenti. Ix-xiri sar għall-prezz ta' 400 drakmi tal-fidda. Id-data tad-dokument hi dik tad-19 ta' Settembru 1335 (l-aħħar jum tax-xahar ta' Muħarram tal-Egira 736).

Nistgħu mela nikkonkludu li fis-sena 1333 il-Franġiskan Roger Guérin wasal l-Art Imqaddsa ma' xi patrijiet sħabu, mibgħutin espliċitament mill-Ministru Ġeneral tal-Ordni bħala missjunarji fl-Orjent. Jidher li l-iskop ta' Roger kien wieħed speċifiku, jiġifieri li jiggarantixxi possibilità li l-Franġiskani jdeffsu rashom b'mod stabbli fil-Belt Qaddisa ta' Ġerusalemm. Hu għamel dan billi sab l-għajnuna indispensabbli ta' Donna Margherita di Sicilia, li kienet tgħix fl-Isptar Latin ta' Ġerusalemm, quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Naturalment ma nistgħux nimmaġinaw li Roger aġixxa b'inizjattiva proprja mingħajr l-appoġġ tas-superjuri tiegħu. Jekk tidher xi ħaġa stramba kif, fiż-żmien li kien jgħix mal-pellegrini foqra fl-Isptar, irnexxielu li Donna Margherita tixtri l-art taċ-Ċenaklu (biċċiet oħrajn kellhom jixtraw wara l-1337), u mbagħad hu nnifsu xtara terz mill-art mingħandha bħala proprjetà tal-patrijiet, dawn il-ġesti

ta' patri li suppost li ma setax imiss flus b'idejh skont ir-Regola ta' San Franġisk, nistgħu nifhmuhom.

Qabel xejn, kien jeżisti dokument pontifiċju, il-bolla *Ex parte vestra*, tal-Papa Onorju III (17 ta' Marzu 1226), meta San Franġisk kien għadu ħaj, li kien jawtorizza lill-missjunarji predikaturi fil-Marokk (mela fl-artijiet tas-Saraċini) li jużaw il-flus li jaqilgħu b'karità biex jixtru l-ikel u l-ilbies u dak li hu meħtieġ għall-ħajja. Kienet prassi li l-Franġiskani li jgħixu *in partibus infidelium* setgħu jużaw il-flus għax ma kienx possibbli għalihom li joħorġu jittallbu. Din il-fakultà ċertament kienet aktar faċli li tiġi applikata fil-prattika fil-każ ta' fra Roger, kważi mitt sena wara l-mewt ta' San Franġisk. Fra Roger kien ġej minn Provinċja importanti fl-Ordni, dik ta' Aquitaine, li kienet ċertament favur l-iżvilupp tal-*Communitas Ordinis*, anke fi żmien meta l-Ispiritwali kienu jinsistu fuq il-fatt li l-Ordni kien twarrab ħafna mill-ideali ta' San Franġisk. Konna ninsabu wara l-famuża kwestjoni dwar il-faqar ta' Kristu u l-Appostli, li wasslet lill-Ordni, immexxi mill-Ministru Ġeneral Michele da Cesena, li jħabbat difru mal-Papa Ġwanni XXII. Michele da Cesena spiċċa mneħħi u floku l-Papa għamel Ġeneral lil Gerard Eudes, mill-Provinċja ta' Aquitaine, li kien favorevoli għat-teżi tal-Papa li l-Ordnijiet Mendikanti kellhom isiru proprjetarji ta' dak kollu li jużaw. Imbagħad, Roger ma kienx qed imur kontra r-Regola, billi San Franġisk innifsu kien tkellem mill-"ħbieb spiritwali" li jgħinu lill-patrijiet fil-ħtiġijiet tagħhom, kunċett li mbagħad ġie żviluppat aktar fil-Bolla *Quo elongati* tal-Papa Girgor IX (28 ta' Settembru 1230) u fil-Bolla *Ordinem vestrum* tal-Papa Innoċenz IV (14 ta' Novembru 1245). Donna Margherita di Sicilia kienet, fil-fatt, tidħol f'din il-kategorija bil-mod li bih għenet lill-Franġiskani jakkwistaw il-proprjetà taċ-Ċenaklu.

Naraw issa kif fra Roger mhux biss akkwista l-proprjetà tal-Għolja ta' Sijon, li fuqha nbena l-ewwel kunventin Franġiskan fl-Art Imqaddsa (1335) li fih daħlu l-patrijiet ċertament qabel l-1337, u li għadu jeżisti sal-lum fil-kjostru ċkejken li għad hemm taħt iċ-Ċenaklu, imma wkoll kif din il-proprjetà kellha tiġi mixtrija b'mod stabbli u uffiċjali mir-rejali tas-Saltna ta' Napli, Roberto d'Anjou u Sancia di Majorca, biex fl-1342 titwieled b'mod stabbli l-Kustodja tal-Art Imqaddsa.



*Pellegrini fiċ-Ċenaklu nhar Pentekoste*



# ĦARSA LEJN IL-KTIEB TAL-GĦANJA TAL-GĦANJIET

***Fr Charles Buttigieg***

*"Kollok sabiħa, ja maħbuba tiegħi, u tebgħa fik ma hemmx."*
*(Għan 4:7)*

## Il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet

Il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet huwa wieħed mis-sebaʼ kotba tal-għerf li nsibu fl-Antik Testment. L-isem tal-ktieb bil-Lhudi *xir ħaxxirim* u proprju għanja taʼ imħabba (bl-ebrajk: *ahavah* u bil-grieg: *agape*) bejn l-għarus u l-għarusa tiegħu, imħabba bejn żewġ żgħażagħ fl-aħjar tagħhom, liema imħabba trid tirrifletti l-imħabba taʼ bejn Alla u l-bniedem u wkoll fil-Ġdid Testment l-imħabba taʼ Kristu għall-Knisja tiegħu; "… ibusni bil-bewsiet taʼ fommu. Imħabbtek hija oħla mill-inbid; fwiħatek fihom għaxqa għar-riħa tagħhom, ismek żejt li jitferragħ, għalhekk iħobbuk lilek ix-xebbiet. (Għan 1:2-3). Il-ktieb inkiteb madwar it-tielet seklu Q.K., għaliex fih kliem taʼ nisel grieg u dan minħabba l-influwenza ellenistika. L-awtur ipoġġi l-kitba tal-ktieb taħt l-għerf taʼ Salamun biex il-ktieb jikseb mill-ewwel dik l-awtorità mixtieqa mill-awtur sagru. Infatti huwa msejjaħ ukoll bħala l-Għanja taʼ Salamun. Rabbi Aqiba tal-ewwel seklu W.K. iqis il-ktieb bħala l-eqdes fost il-kotba qaddisa. Ir-rabbini kienu jipprojbixxu l-qari tal-ktieb għal dawk li kienu għadhom ma għalqux it-tletin sena minħabba s-sentimenti taʼ mħabba li fih il-ktieb. L-għarus huwa Salamun u l-għarusa Sulammita.

## L-Għarus u l-Għarusa

Il-ktieb fih madwar tletin poeżija li jiffurmaw sitt għanjiet taʼ djalogi bejn l-għarus u l-għarusa tiegħu, fejn naraw din l-istess imħabba tikber u timmatura sakemm tasal għall-milja tagħha. Nimmaġinaw li hija mħabba bejn raġel sempliċi (aktarx ragħaj) u mara sempliċi (xebba sabiħa) li jagħżlu lil xulxin u li ma jħallu xejn jew lil ħadd jifridhom minn din l-imħabba taʼ bejniethom. Huma jinħabbu tant maʼ xulxin u jesprimu din il-hena taʼ din l-istess imħabba bʼdawn il-kelmiet: "Inti sraqtli lil qalbi, għarusa tiegħi, int straqtli lil qalbi, sa bʼħarsa waħda tiegħek, sa bʼwaħda biss mill-ġawhar taʼ fuq għonqok! Imħabbtek kemm hi ħelwa, oħti għarusa, kemm hi aħjar imħabbtek mill-inbid! Riħet fwiħatek oħla minn kull balzmu! Xofftejk, għarusa tiegħi, qattru għasel safi, u taħt ilsienek għasel u ħalib. Riħet l-ilbiesi tiegħek bħal dik tal-Libanu" (Għan 4:9-11). L-għarusa fʼdan il-ktieb hija s-simbolu taʼ Iżrael bħala l-maħbuba tal-Mulej. Hija mxebbha ukoll maʼ debba, mal-ġilju, maʼ ħamiema u maʼ palma; "Lid-debba tiegħi fʼkarru tal-Fargħun marbuta imxennaq jiena, ja maħbuba tiegħi." (Għan 1:9). Il-maħbub huwa





mxebbah mal-mirra, ma’ tuffieħa, mal-ward u maċ-ċerv; “Il-maħbub tiegħi għanqud ward tal-henna fid-dwieli ta’ Għajn-geddi.” (Għan 1:14)

## Messaġġ attwali

Dawn il-poeżiji ta’ imħabba li nsibu fil-ktieb juruna fuq kollox il-post tal-imħabba u ż-żwieġ fil-pjan tas-salvazzjoni ta’ Alla. It-temi ta’ mħabba u ż-żwieġ huma ferm qawwija f’dan il-ktieb. Imħabba mmirata lejn il-familja, lejn żwieġ monogamiku bejn raġel wieħed u mara waħda u li din l-imħabba ma tintemm qatt fil-familja. Insibu messaġġ attwali għall-familja ta’ kull żmien.

Il-ktieb juri fuq kollox li għandna nagħrfu lil Alla l-ewwel u qabel kollox sabiex inħobbuh u nħallu din l-imħabba tiegħu tikber fina. Din l-imħabba tgħaddi minn diversi esperjenzi imma għandha tibqa’ dejjem soda u qawwija; “Qegħdni bħal siġill fuq il-qalb tiegħek, siġill fuq id-driegħ tiegħek, għaliex bħall-Mewt qawwija l-imħabba; daqs Art l-Imwiet hi kiefra l-għira; ix-xrar tagħha xrar tan-nar, nar tal-Mulej. Ilmijiet kbar m’huma sa jaslu qatt biex jitfu l-imħabba lanqas ix-xmajjar ma jġorruha magħhom. Il-bniedem li jrid jagħti l-ġid kollu ta’ daru biex jixtri l-imħabba tmaqdir isib.” (Għan 8:6-7)

## Biblijografija


Adams, S.L,. *Wisdom in Transition: Act and Consequence in Second Temple Instructions*. Supplements to the Journal for the Study of Judaism 125, Leiden 2008.

Agnew, U., Flanagan, B., Heylin, G. (eds.), With Wisdom Seeking God. The Academic Study of Spirituality, Leuven 2008.

Guinan, M.D., “Images of God in the Wisdom Literature”, in *The Bible Today* 38 (July 2000) 223-227.

Maier, M.P., *Il Cantico dei cantici: poesia erotica o metafora religiosa?*, Roma 2012.

Meynet, R., *L’Analisi Retorica*, Brescia 1992.

Noam, V., “The Origin of the List of David’s Songs in ‘David’s Compositions.’” in *Dead Sea Discoveries* 13/2 (2006) 134-149.

Stoop-van Paridon, P.W.T., The Song of Songs. A Philological Analysis of the Hebrew Book, Leuven 2005.



# KRISTU MEDJATUR TA' PATT ĠDID

*Mons. Lawrenz Sciberras*

Fit-tieġ ta' Kana Kristu biddel l-ilma f'inbid; dan is-sinjal ħabbar l-Aħħar Ikla fejn matulha Ġesu biddel l-inbid fid-demm tiegħu. Hekk jikkummenta San Ġwann Kriżostmu. Waqt l-aħħar ċena Ġesù waqqaf il-patt il-ġdid b'demmu meta qal espressament: "Dan il-kalċi huwa

l-patt il-ġdid b'demmi" (Lq 22,20; 1 Kor 11,25). Hawn Ġesù wera bil-fatti li huwa tassew l-medjatur tal-patt il-ġdid, mela huwa tassew il-qassis il-kbir, totalment differenti mill-qassisin kollha tat-Testment il-Qadim.

## Rigal tal-imħabba

Nafu li l-Ewkaristija hija rigal stupend tal-imħabba ta' Ġesù. Din hija r-rebħa tal-imħabba fuq il-ħażen u fuq il-mewt. Għandu jolqotna l-fatt li l-evanġelisti kollha jirrakkontaw l-aħħar ċena f'rapport mal-passjoni ta' Ġesù, kif ukoll mat-tradiment ta' Ġuda. Hekk San Pawl: "Il-Mulej Ġesù fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobz, radd il-ħajr, qasmu u qal: 'Dan hu ġismi li ngħata għalikom" (1 Kor 11, 23-24). Dan huwa l-eqdem kliem li jitkellmu mit-twaqqif tal-Ewkaristija u mit-tradiment ta' Ġuda. F'dak, imbagħad, li għandu x'jaqsam mal-passjoni Mattew jikteb: "Kantaw is-salmi – naturalment ta' ringrazzjament *Il-Hallel* - u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ." (Mt 26,30)

L-evanġelisti jgħidulna li qabel ma waqqaf l-Ewkaristija, Ġesù kien jaf sew bit-tradiment ta' Ġuda, tant li waqt l-aħħar ikla qal: "Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom li jiekol miegħi, se jittradini" (Mt 26,21; Mk 14,18). Ġesù għafsitu ħafna qalbu, għaliex kien jaf li din l-għotja ta' mħabba kienet se tiġi mwaqqfa u mxekkla minn tradiment, minn att ta' mibegħda, minn ġest kuntrarju għall-patt il-ġdid tal-imħabba. Waqt l-aħħar ikla, Ġesù kien għadu liberu, għaliex ftit wara kien se jiġi marbut, ma setax jitħarrek, arrestat u fl-aħħar imsallab. U liema kienet ir-reazzjoni ta' Ġesù quddiem dan kollu?

## Differenza Ġeremija – Ġesù

Sewwa li hawn issa nagħmlu d-differenza bejn ir-reazzjoni ta' Ġeremija quddiem l-għedewwa u dik ta' Ġesù quddiem dawk li sallbuh. Meta Ġeremija sar jaf li kien qed jintiseġ komplott kontra tiegħu huwa stagħġeb u qal: "Int, Mulej tal-ezerċti, mħallef ġust li tifli l-qalb u l-moħħ, ħallini nara l-vendetta tiegħek minnhom, għaliex f'idejk irħejt il-kawża tiegħi!" (Ġer 11,20) Din tirritorna darbtejn (Ġer 20,12). F'okkażjoni oħra Ġeremija jispeċifika liema għandha tkun il-vendetta: "Għalhekk erħi 'l uliedhom għall-ġuħ, u itlaqhom





f'idejn ix-xabla, u jkunu bla tfal u romol in-nisa tagħhom. Ħa jmutu l-irġiel tagħhom bil-pesta u ż-żgħażagħ tagħhom midruba bix-xabla fit-taqbida." (Ġer 18,21)

Din ir-reazzjoni krudila tal-profeta donna tidher li hija normali f'sitwazzjoni ta' inġustizzja daqshekk skandaluża; anzi forsi wkoll li huwa stess jaqbad ix-xabla. Però Ġeremija ħalla l-vendetta għal Alla, u għalhekk dehret rebħa fuq il-vjolenza. Min-naħa tiegħu Ġesù ġab rebħa wisq aktar radikali u aktar pożittiva. Ġesù ssupera f'kollox lill-profeta u minflok ma warrab quddiem sitwazzjoni hekk iebsa, wasal sal-aħħar nett tal-ħaġa. "… hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar." (Ġw 13,2) U dan għamlu minkejja li kien jaf b'dak kollu li kien hemm lest għalih!

## Il-bidla inbid-demm

Meta Ġesù qasam il-ħobż huwa antiċipa l-mewt tiegħu fuq is-salib. Ġesù qarreb ukoll mewtu fl-inbid-demm imxerred kollu. Hekk Ġesù biddel il-mewt tiegħu f'sagrifiċċju ta' alleanza għall-ġid ta' kulħadd. Mhux possibbli li wieħed jimmaġina



(a) ġenerożità aktar kbira minn din, u (b) bidla aktar radikali minn din il-ġrajja-realtà. Meta wieħed jitkellem mill-Ewkaristija ġeneralment jinsisti fuq il-bidla tal-ħobz fil-ġisem ta' Kristu, u tal-inbid fid-demm. Din il-bidla hija tant importanti u meħtieġa, għaliex mingħajrha ma hemmx sagrament.

Però hemm bidla kbira oħra – li f'ċertu sens hija importanti għal-ħajjitna. Din hija l-bidla ta' ġrajja b'mezz biex wieħed iwaqqaf il-għaqda ma' Alla u l-aħwa: Din hija il-bidla tad-demm kriminali mxerred mill-għedewwa fil-bidla tad-demm tal-patt għażiż. Din hija bidla tassew stupenda, bidla ta' rebħa u imħabba infinita.

Għan-nies tat-Testment il-Qadim, il-mewt hija ġrajja ta' firda, ta' ksur radikali, u definittiv, kemm ma' Alla u wkoll mal-bnedmin. Issa din il-ħaġa ma nistgħux nifhmuha aktar hekk, għaliex Ġesù fl-Aħħar Ċena qaleb ta' taħt fuq is-sens tal-mewt. Il-mewt tkisser kull rabta fiżika bejn il-persuni; mhux aktar le possibbli li wieħed jikkomunika ma' mejjet. Ma jiswa xejn li titkellem miegħu, ma jista' jkollok ebda kuntatt personali reċiproku. Dan joħloq dwejjaq u niket. Nafu però li aħna nistgħu nibqgħu magħqudin mal-mejtin spiritwalment fi Kristu. Il-firda mhix sħiħa. Għall-kuntrarju fit-Testment il-Qadim dan jidher li huwa sħiħ. Il-mewt kienet toħloq firda fir-relazzjoni ma' Alla. Dan kien l-aspett l-aktar tremend għan-nies reliġjużi. Il-mewt bħala kastig tad-dnub, li hija l-aħħar konsegwenza tad-dnub, hija l-aqwa firda bejn il-persuna umana u Alla.

Meta fit-Testment il-Qadim kienu jaħsbu fil-mewt, kienu jaħsbu wkoll f'din il-firda tremenda. Isaija meta intlaqat minn marda qal: "Ma nara qatt aktar il-Mulej f'art il-ħajjin" (Is 38,11). Il-Mulej jarah f'art

il-ħajjin u mhux fix-xeol tal-mejtin. Salm 88 jgħid: "Jien magħdud ma' min nieżel fil-ħofra, sirt qismi bniedem bla saħħa. Fost il-mejtin hu friexi, bħall-maqtulin mimdud fil-qabar, li fihom ma tiftakarx izjed …" (S 88, 5-6)

Dejjem skont il-ħsieb tat-Testment il-Qadim, il-mejtin jispiċċaw fix-xeol, jiġifieri f'post taħt l-art u mudlam fejn dawn ikollhom eżistenza ta' spiriti, iħirsa; sitwazzjoni li la tixraq lill-bniedem innifsu u anqas lil Alla. Dawn Alla insihom! Dan l-aspett doppju ta' qasma, li jasal minħabba l-mewt, isir aktar traġiku u ikrah, meta jkun hemm il-mewt ta' wieħed ikkundannat.

Il-mewt ta' persuna onesta ġġib id-dulur u swied ta' qalb fl-oħrajn; jixtiequ li dan ma ġarax. Fil-waqt li l-ikkundannat għall-mewt huwa mwarrab mis-soċjetà għaliex din ma tridux aktar. Hekk twarrab kompletament kull rabta. Fost il-Lhud l-ikkundannat għall- mewt tas-salib jiġi meqjus bħala "misħut" minn Alla.

Fl-aħħar ċena Ġesù kellu jħabbat wiċċu ma' din is-sitwazzjoni ta' "qasma". San Pawl ma jaħsibha xejn meta jgħid li Gesu "sar saħta" għaliex hemm miktub "misħut min imut imdendel mal-għowda" (Ġal 3,13; Dt 21,23). Ġesù refa' din is-sitwazzjoni biex juri l-okkażjoni ta' mħabba estrema, hekk isir strument ma' Alla u ħutu; mezz biex iwaqqaf PATT ġdid. Wieħed ma jistax jimmaġina ċirkustanza aktar kontrarja minn din fit-twqqif tal-patt ġdid.

Ġesù kien jaf li se jiġi ttradut, abbandunat mill-istess appostli, miċħud minn Pietru stess, arrestat u akkużat inġustament u fl-aħħar ikkundannat għal mewt ħarxa tas-salib. Dawn il-ġrajjiet inġusti tassew Ġesù jagħmilhom preżenti minn qabel fl-aħħar ċena u jibdilhom f'don ta' mħabba u offerta sħiħa tiegħu nnifsu. Preċiżament hawn qiegħed il-kobor tal-patt il-ġdid. Filwaqt li fit-Testment il-Qadim il-patt kien jiġi ssiġillat bid-demm tal-annimali, (Ez 24) issa ibda mill-aħħar ikla sa ħin mewtu fuq is-salib il-patt "il-ġdid" ġie ssiġillat bid-demm divin tiegħu stess. San Pawl fl-ittra lir-Rumani jissiġilla dan kollu: "Lilu Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu." (Rum 3, 25)





# IL-QAWWA U L-GLORJA TAL-FIDI FL-ITTRA LIL-LHUD, KAPITLU II (IT-TIELET PARTI)

*Marcello Ghirlando ofm*

Fl-aħħar ħarġa rajna kif l-awtur sagru tal-Ittra lil Lhud tana l-eżempji tal-missirijiet li kienu laqqmu ħajjithom fil-fidi: fidi li fetħet l-orizzont għar-realtajiet tal-futur, realtajiet li huma setgħux jaraw b'għajnejhom: Abraham ittama li Alla jipprovdi sagrifiċċju flok ibnu; Izakk bierek lil uliedu u ħabbar dak li kellu jseħħ, jiġifieri li Ġakobb kellu jkun ikbar minn Għesaw,

ħuh tewmi; Ġakobb bierek lil Efrajm u Manassi u ħabbar li tal-ewwel kellu jkun ikbar minn ħuħ il-kbir; Ġużeppi ħabbar l-Eżodu u wera x-xewqa għal dak li kellu jsir b'għadmu. Missirijiet il-poplu jdawlu tabilħaqq il-ħajja tal-fidi, fidi li hija "pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx".

F'din it-tielet parti tal-kapitlu 11 l-awtur idawwar ħarsu lejn l-eroj storiċi tal-poplu tal-passat li bis-saħħa tal-fidi ipperseveraw u ma reġgħux lura minn dak li Alla kien qed isejħilhom għalih. Kif kien stqarr Ħabakkuk, il-bniedem ġust igħix bis-saħħa tal-fidi tiegħu, u għalhekk iżomm sod u jsalva billi ma jerġax lura. Hu għalhekk li fil-vrus 23-31 l-awtur jitkellem mill-fidi ta' Mosè u l-ġenituri tiegħu (23-28), il-fidi tal-ġenerazzjoni tal-Lhud tal-Eżodu (29), il-fidi waqt il-battalja ta' Ġeriko (30) u l-fidi ta' Raħab iż-żienja (31).

Hekk jikteb testwalment: "Kien permezz tal-fidi li, meta twieled Mosè, missieru u ommu ħbewh għal tliet xhur, għax raw kemm kien tifel sabiħ, bla ma beżgħu mill-ordni tas-sultan".

"Permezz tal-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun; u għażel li aħjar ikun imkasbar flimkien mal-poplu ta' Alla milli jgawdi l-hena tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien. Deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu, għax ħares 'il quddiem lejn il-ħlas. Permezz tal-fidi ħalla l-Eġittu bla ma beża' mill-qilla tas-sultan; żamm iebes, daqs kemm kieku kien qiegħed jara lil Alla li ma jidhirx. Permezz tal-fidi għamel l-ikla tal-Għid u raxxax id-demm, biex l-anġlu tal-mewt ma jolqotx lill-ulied il-kbar tal-Iżraelin".

"Kien permezz tal-fidi li l-Iżraelin qasmu l-Baħar l-Aħmar qishom fuq art niexfa, waqt li għerqu l-Eġizzjani, li marru biex jagħmlu bħalhom". Kien permezz tal-fidi li waqgħu l-ħitan ta' Ġeriko wara li l-Iżraelin daru magħhom għal sebat ijiem".

"Permezz tal-fidi Raħab iż-żienja ma ntilfitx ma' dawk ta' rashom iebsa, għax kienet laqgħet bis-sliem l-ispiji li marru jitkixxfu l-art".

## Il-Fidi tal-Ġenituri ta' Mosè

L-awtur jintroduċi l-figura kbira ta' Mosè billi jitkellem qabel xejn mill-fidi tal-ġenituri tiegħu. F'moħħu għandu r-rakkont li nsibu f'Eżodu 2, 1-4 li jitkellem mit-twelid ta' Mosè u kif ġie salvat mill-ordni tal-Farawni. "Kien permezz tal-fidi li, meta twieled Mosè, missieru u ommu ħbewh għal tliet xhur, għax raw kemm kien tifel sabiħ, bla ma beżgħu mill-ordni tas-sultan". Is-sbuħija ta' Mosè ma kellhiex biss tkun fiżika: għandna ħjiel ta' dik li kellha tkun il-missjoni kbira tiegħu li għaliha bħal donnu kien diġà magħżul. L-awtur sagru juri li l-ġenituri tiegħu, dejjem bis-saħħa tal-fidi, rawmu l-kuraġġ biex jeħduha kontra l-ordni tal-Farawni. Il-fidi tagħhom qawwiethom: ma qagħdux lura milli jsalvaw lil binhom għax kien prezzjuz

u sabiħ fl-għajnejn ta' Alla. B'hekk huma wkoll, bil-kuraġġ tagħhom imlaqqam fil-fidi, għoġbu lil Alla.

## Il-Fidi ta' Mosè

L-awtur issa jgħaddi biex jitkellem mill-fidi ta' Mosè. Għal tliet darbiet jistqarr li Mosè jġib ruħu b'mod preċiż permezz tal-fidi. Jintroduċi l-figura tal-mexxej per eċċellenza tal-poplu l-magħżul billi jistqarr: "Permezz tal-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun; u għażel li aħjar ikun imkasbar flimkien mal-poplu ta' Alla milli jgawdi l-hena tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien. Deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu, għax ħares 'il quddiem lejn il-ħlas".

Fil-fatt, ir-rakkont tal-Eżodu (2, 11-15) ma jitkellimx mill-fatt li Mosè ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun. Jistqarrha hawnhekk l-awtur sagru biex juri li, bis-saħħa tal-fidi, Mosè ried ikun għal kollox solidali mat-tbatija tal-poplu tiegħu. Dan jidher fir-rakkont tal-Eżodu. L-awtur iġib motivazzjoni oħra: "milli jgawdi l-hena tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien". Mosè, 'is-sabiħ', jagħżel it-tajjeb u dak li jibqa' bis-saħħa tal-fidi tiegħu; jagħmel għażla li hija profondament imlaqqma fil-fidi tiegħu; iħares lejn il-futur u jistmerr dak li jgħaddi u huwa temporanju. Hawnhekk wieħed jifhem kif l-awtur qed jattwalizza l-figura u l-fidi ta' Mosè għall-qarrejja nsara tiegħu: insara li kienu qed ibatu minħabba l-fidi tagħhom. Lilhom l-awtur sagru jgħaddi kelma ta' kuraġġ fl-eżempju tal-fidi ta' Mosè. Dan jagħmlu billi jseddaq l-argument bil-kliem: "Deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu, għax ħares 'il quddiem lejn il-ħlas".

Id-diskors fuq il-fidi ta' Mosè ikompli: "Permezz tal-fidi ħalla l-Eġittu bla ma beża' mill-qilla tas-sultan; żamm iebes, daqs kemm kieku kien qiegħed jara lil Alla li ma jidhirx". Kien bis-saħħa tal-fidi, imlaqqma fit-tama f'Alla, li tqanqal lil Mosè biex jitlaq mill-Eġittu, l-ewwel waħdu lejn Midjan u, aktar tard, b'poplu sħiħ fuq spallejh. Ġrajjiet kbar li huma biss frott fidi f'Alla, anke jekk dan Alla 'ma jidhirx'. Hawn tidher il-fidi qawwija ta' Mosè: b'ġrajjietu jseddaq it-twemmin f'Alla li ma jidhirx u jingħata lilu l-premju. Bis-saħħa tal-fidi "żamm iebes u ma beżax mill-qilla tas-sultan", bħall-ġenituri tiegħu. Wera li l-fidi "hija l-pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx" (11, 1).

L-aħħar kelma fuq il-fidi ta' Mosè titkellem fuq id-dramm tal-Eżodu: "Permezz tal-fidi għamel l-ikla tal-Għid u raxxax id-demm, biex l-anġlu tal-mewt ma jolqotx lill-ulied il-kbar tal-Iżraelin". L-awtur hawnhekk ilaqqam il-fidi ta' Mosè mal-mumenti l-kbar tad-dramm tal-Eżodu: l-ikla tal-Għid u t-traxxix tad-demm fuq il-bibien tad-djar Lhud, traxxix li kellu jkun is-sinjal biex l-anġlu tal-mewt ma jolqotx



l-ulied il-kbar tal-Iżraelin fil-lejla tal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu (Eż 12, 29-32). Mosè hawnhekk isir ukoll l-espressjoni tal-fidi tal-poplu; permezz tiegħu jseħħ it-twettiq tal-wegħda tal-art magħmula lil Abraham. L-eżempju tiegħu isir dawl għall-qarrejja tal-Ittra: huwa dak li, bis-saħħa tal-fidi, "Kienu għadhom ma ħadux dak li kien imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art. Tabilħaqq, dawk li jitkellmu b'dan il-mod juru ċar li huma qegħdin ifittxu pajjiż għalihom. Li kieku kellhom fi ħsiebhom il-pajjiż li minnu kienu ħarġu, kellhom żmien biżżejjed biex jerġgħu lura fih. Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema. Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom" (11, 14-16).

## Il-Fidi tal-Poplu

L-awtur ikompli d-diskors tiegħu billi jgħaddi biex jitkellem mill-fidi tal-poplu fil-qsim tal-baħar l-Aħmar u fil-waqgħa tal-ħitan ta' Ġeriko, l-ewwel belt fuq in-naħa l-oħra tax-Xmara Ġordan: "Kien permezz tal-fidi li l-Iżraelin qasmu l-Baħar l-Aħmar qishom fuq art niexfa, waqt li għerqu l-Eġizzjani, li marru biex jagħmlu bħalhom. Kien permezz tal-fidi li waqgħu l-ħitan ta' Ġeriko wara li l-Iżraelin daru magħhom għal sebat ijiem".

Alla ħares lill-poplu tiegħu waqt il-qsim solenni tal-Baħar l-Aħmar; u dan kien

ukoll frott tal-fidi tal-poplu. L-Eġizzjani ntilfu għax ma kellhomx il-fidi. Kienet il-fidi li mliet l-Iżraelin bi-tama li jgħaddu qawwijin u sħaħ mill-Baħar l-Aħmar. Kienet l-istess fidi li laqqmet it-tama tagħhom fuq dak li kellhom isibu n-naħa l-oħra.

Kienet l-istess fidi li seddqet il-battalja ta' Ġeriko (Ġoż 6, 15-16.20). B'fidi fil-kelma ta' Alla u f'Ġożwè bin Nun, il-mexxej tagħhom, jirbħu lil Ġeriko. L-awtur bħal donnu qed igħid: bl-għajta tal-fidi żżarmaw il-ħitan tal-belt ta' Ġeriko.

Wara li tissemma l-belt ta' Ġeriko, l-awtur iħoss il-bżonn li jagħlaq din il-parti billi jsemmi l-fidi ta' mara li ma kenitx minn ulied Israel, Raħab iż-żienja (Ġoż 2, 1-21): "Permezz tal-fidi Raħab iż-żienja ma ntilfitx ma' dawk ta' rashom iebsa, għax kienet laqgħet bis-sliem l-ispiji li marru jitkixxfu l-art". F'Ġożwè 2, 11 hija tagħmel stqarrija ta' fidi: "Tassew li l-Mulej, Alla tagħkom, hu Alla fis-sema minn fuq u fuq l-art minn taħt". B'din il-fidi, tħares lill-ispjuni ta' ulied Israel, u tittama li bis-saħħa ta' dik l-istess fidi tkun imħarsa hi u l-familja tagħha. Hi ssalva għax emmnet u obdiet (Ġoż 6, 17. 22-25), imma dawk ta' 'rashom iebsa' jintilfu.

B'dawn il-personaġġi, Mosè u l-ġenituri tiegħu, il-poplu ħiereġ mill-jasar u Raħab iż-żienja, l-awtur sagru jkompli juri l-qawwa u l-glorja tal-fidi. Hija l-fidi li xprunat lil dawn biex jipperseveraw fit-tajjeb bit-tama ta' xi ħaġa ikbar u aħjar. Huma wkoll isiru xempju għall-ewwel insara.

## Lejn it-Tmiem

Fl-aħħar parti tad-diskors tiegħu fuq il-qawwa u l-glorja tal-fidi, l-awtur sagru jgħaddi biex ifaħħar il-fidi ta' ħames Imħallfin, sultan, il-profeti u l-martri li batew bil-qawwa tal-fidi tagħhom. Hekk jikteb testwalment: "X'se ngħid iżjed? Ma nsibx żmien biżżejjed biex insemmi fuq Gidgħon, Barak, Sansun, Ġefti, David, Samwel u l-profeti. Bil-qawwa tal-fidi huma rażżnu saltniet, għamlu l-ġustizzja, kisbu l-wegħdiet; saddew ħalq l-iljuni, tfew il-qawwa tan-nar, ħelsu minn xifer is-sejf, fiequ mill-mard, tqawwew fit-taqbid, ħarrbu l-eżerċti tal-barranin. Nisa ħadu lura l-mejtin tagħhom irxuxtati mill-mewt. Oħrajn ħaqruhom għall-mewt, għax irruftaw il-ħelsien



biex jiksbu qawmien aħjar. Oħrajn sofrew żebliħ u swat u saħansitra ktajjen u ħabs. Kienu mħaġġra, mħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf; ħarġu jiġġerrew imlibbsin bi ġlud tan-nagħaġ u tal-mogħoż, neqsin minn kollox, mħabbtin u maħqurin. Id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn. Huma qagħdu jiġġerrew fid-deżert u fuq l-għoljiet, fl-għerien u fl-irkejjen tal-art" (11, 32-38).

## Bil-Qawwa tal-Fidi

L-awtur isemmi b'isimhom ħames individwi: kronoloġikament dawn huma Barak (Imħ 4, 4 – 5, 31), Gidgħon (Imħ 6, 11 – 8, 35), Ġefti (Imħ 11, 1 – 12, 7), Sansun (Imħ 13, 24 – 16, 31), Samwel (1 Sam 1, 21 – 28, 3) u s-sultan David (1 Sam 16, 12 - 2 Slat 2, 10). Għal darb'oħra l-awtur sagru jagħżel individwi li mhux dejjem kienu xi xempji perfetti tal-fidi: Ġidgħon kien mimli dubji quddiem ir-rieda ta' Alla u saħansitra jitlob sinjal mingħand Alla (Imħ 6, 13); Barak ma tantx kellu ħeġġa li jissielet kontra Sisara, il-Ġeneral ta' Ġabin u kellha tkun Debora li twasslu jwettaq dak li ried minnu Alla (Imħ 4, 7-8); Ġefti baqa' b'fama negattiva għax jitlef lil bintu minħabba wegħda li kien għamel (Imħ 11, 29-40); David, minkejja l-kobor tiegħu u l-wegħdiet li sarulu, baqa' wkoll magħruf għad-dnub tiegħu (2 Sam 11, 1 – 12, 25); Sansun, gwerrier qawwi, kellu jissagrifika lilu nnifsu biex ipatti għal dnubu



(Imh 16, 30-31); Samwel, u miegħu l-profeti, joħroġ aktar bl-unuri għax jissejjaħ profeta fidili mit-tradizzjoni biblika (Sir 46, 13-15). Ma kinux xempji perfetti tal-fidi imma Alla nqeda bihom biex iħaddem u jwassal il-grazzja tiegħu; inqeda bihom biex, bil-qawwa tal-fidi tagħhom, iwettaq ir-rieda salvifika tiegħu.

Forsi hawnhekk l-awtur sagru għandu f'moħħu li jkompli jgħaddi kelma ta' kuraġġ qawwija lill-ewwel insara: kienu konxji li ma kinux perfeti, kienu jafu li quddiem diffikultajiet kbar ħassew bis-sħiħ id-dgħufija

tagħhom. Imma Alla, bħalma għamel fl-imgħoddi fil-personaġġi msemmija, seta' jħaddem il-grazzja tiegħu fihom, bil-qawwa tal-fidi tagħhom. Il-bniedem ġust, minkejja d-dgħufija tiegħu, igħix u jippersevera bis-saħħa tal-fidi tiegħu.

L-awtur igħaddi biex jiġbor flimkien f'ġabra waħda t-tbatijiet tal-martri li saddew fil-ħajja tajba bil-qawwa tal-fidi tagħhom. Mgħandniex ismijiet imma eżempji ġenerali li l-qarrejja setgħu, forsi aktar minna, jifhmu għal min kien qiegħed jitkellem l-awtur: "Bil-qawwa tal-fidi huma rażżnu saltniet, għamlu l-ġustizzja, kisbu l-wegħdiet; saddew ħalq l-iljuni, tfew il-qawwa tan-nar, ħelsu minn xifer is-sejf, fiequ mill-mard, tqawwew fit-taqbid, ħarrbu l-eżerċti tal-barranin. Nisa ħadu lura l-mejtin tagħhom irxuxtati mill-mewt. Oħrajn ħaqruhom għall-mewt, għax irruftaw il-ħelsien biex jiksbu qawmien aħjar. Oħrajn sofrew żebliħ u swat u saħansitra ktajjen u ħabs. Kienu mħaġġra, mħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf; ħarġu jiġġerrew imlibbsin bi ġlud tan-nagħaġ u tal-mogħoż, neqsin minn kollox, mħabbtin u maħqurin".

"Bil-qawwa tal-fidi huma rażżnu saltniet, għamlu l-ġustizzja, kisbu l-wegħdiet": din id-deskrizzjoni tista' b'xi mod tiġi applikata għall-personaġġi diġa' msemmija. Għal David u Sansun tista' tiġi applikata d-deskrizzjoni "saddew ħalq l-iljuni"; din, flimkien ma' "tfew il-qawwa tan-nar" tista' wkoll tiġi applikata għal Danjel (Dan 6, 19.23) u għat-talba li hu u sħabu jagħmlu fin-nar (Dan 3, 50.88). " Ħelsu minn xifer is-sejf, fiequ mill-mard, tqawwew fit-taqbid, ħarrbu l-eżerċti tal-barranin": Gidgħon, Sansun, David, Ġuditta u Ester huma eżempji ta' dawk li tqawwew fi-taqbid; tal-ewwel "ħarrbu l-eżerċti tal-barranin" ukoll.

" Nisa ħadu lura l-mejtin tagħhom irxuxtati mill-mewt": forsi l-awtur hawnhekk għandu f'moħħu l-armla ta' Sarefta ta' Sidon li tara lil Elija jerġa' jagħti l-ħajja lil binha (1 Slat 17, 24) u l-mara Sunamija li tirċievi l-istess grazzja għal binha min-naħa tal-profeta Eliżew (2 Slat 4, 18-37). Bil-vers " Oħrajn ħaqruhom għall-mewt, għax irruftaw il-ħelsien biex jiksbu qawmien aħjar", moħħna jmur għar-rakkonti ta' 2 Makkabin:



l-istorja tal-martirju ta' Elgħażar (6, 18-31) u tas-sebat aħwa u ommhom (7, 1-41).

Il-bqija tat-tbatijiet msemmija b'mod ġenerali, "Oħrajn sofrew żebliħ u swat u saħansitra ktajjen u ħabs. Kienu mħaġġra, mħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf; ħarġu jiġġerrew imlibbsin bi ġlud tan-nagħaġ u tal-mogħoż, neqsin minn kollox, mħabbtin u maħqurin", ifakkruna fit-tribulazzjonijiet tal-profeti. Fosthom Ġeremija (20, 2. 7; 29, 26; 37, 15), Żakkarija (2 Kron 24, 21), il-profeti tal-Mulej maqtula bix-xabla (1 Slat 19, 10).

Jidher li f'dawn id-deskrizzjonijiet tat-tbatijiet, l-awtur irid jinsisti fuq il-fidi u l-kuraġġ li bihom kienu mżejna l-bnedmin li baqgħu fidili lejn Alla. Juri li kull min inizżel għeruqu fil-fidi, jista' jkompli iħabbat wiċċu mat-tbatija u jagħmel għeġubijiet kbar. Bħal donnu jrid li l-qarrejja tiegħu jsibu posthom f'dawn id-deskrizzjonijiet; b'hekk jagħmlu kuraġġ biex bil-qawwa tal-fidi jibqgħu jipperseveraw fil-fedeltà tagħhom lejn Alla.

'Il-litanija' tat-tbatijiet u l-għeġubijiet tibda tagħlaq bil-kliem: " Id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn. Huma qagħdu jiġġerrew fid-deżert u fuq l-għoljiet, fl-għerien u fl-irkejjen tal-art". Il-bnedmin tal-fidi kienu kbar minħabba l-fedeltà tagħhom. Verament id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn! Fosthom anki Elija li kellu jaħrab fid-deżert u jinħeba f'għar biex jaħrab il-qilla ta' Ġeżabel (1 Slat 19, 4. 11. 13), ulied Israel li kellhom jinħbew fl-għerien biex isalvaw rwieħhom mill-Midjanin (Imħ 6, 2) u mill-Filistin (1 Sam 13, 6), David li jinħeba minn Sawl (1 Sam 22, 14; 24, 3) u l-Makkabin (2 Mak 10, 6).

Il-kapitlu jagħlaq bil-kliem: "U dawn kollha, għad li qalgħu xhieda tajba bis-saħħa tal-fidi tagħhom, ma kisbux dak li kien imwiegħed, billi Alla rafa' xi ħaġa aħjar għalina, bil-ħsieb li huma ma jaslux għall-perfezzjoni mingħajrna". Il-vers ta' qabel l-aħħar jerġa' jtenni dak li l-awtur kien diġà2 qal fil-vers 13: "Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies. Kienu għadhom ma ħadux dak li kien imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art". Ma rċevewx dak li kien imwiegħed, għax dan, kif se jgħid l-awtur, jingħata lil dawn li huma mlaqqma fil-patt il-ġdid, mibni fuq wegħdiet aħjar (Lhud 8, 6).

Minkejja l-kobor ta' dawn il-martri tal-fidi, huma ma kisbux fl-immedjat dak li kien imwiegħed lilhom. Dan kellu jseħħ fit-twettiq sħiħ tal-pjan divin li storikament iseħħ ħafna aktar wara. Huma setgħu biss jarawh mill-bogħod u jsellmulu...bit-tama li huma wkoll jieħdu sehem mill-milja sħiħa tal-wegħdiet fl-aħħar taż-żmien. Sadattant huma jibqgħu l-plieri tal-ħajja tal-fidi li lejhom għandhom iħarsu l-qarrejja, l-ewlenin insara li

kienu qed jiffaċċjaw it-tbatija u l-persekuzzjoni.

Il-kelma ta' kuraġġ tiġi mwettqa bis-sejħa li l-awtur jagħmel biex fuq kollox iħarsu lejn l-eżempju suprem, Ġesù fil-misteru tas-salib tiegħu.

## Għajnejna merfugħa lejn Ġesù

L-ewwel tlitt ivrus tal-Kapitlu 12 jistgħu jittieħdu wkoll bħala l-konklużjoni loġika tad-diskors ta' kuraġġ li l-awtur għamel lill-insara fil-Kapitlu 11. Hekk jikteb testwalment: "Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; nżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla. Aħsbu mela fih, li qagħad għal opposizzjoni hekk kbira min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom".

Bl-eżempju ta' tiġrija f'moħħu, l-awtur jerġa' jfakkar lill-qarrejja fil-personaġġi li għexu bil-qawwa tal-fidi, "is-sħaba hekk kbira ta' xhieda"; fit-tiġrija tal-arena tal-ħajja huma dawk li jixprunawna niġru 'l quddiem, ħfief u mħejjija: "ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna".

Imma l-ikbar xhieda hija dik tal-Mulej Ġesù: bħall-personaġġi l-kbar tal-istorja tas-salvazzjoni, anki hu kellu jħabbat wiċċu mat-tbatijiet, provi, il-mewt; b'differenza minnhom, huwa temm u rċieva bis-sħiħ dak li kien imwiegħed. Hu jsir għall-insara l-ikbar eżempju tal-perseveranza fil-fidi minkejja t-tbatijiet, "hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla. Aħsbu mela fih, li qagħad għal opposizzjoni hekk kbira min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom".

It-tħeġġiġa hija mela qawwija: "inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna". B'għajnejhom u ħsibijiethom fuq l-eżempju ta' Ġesù, l-insara jisiltu qawwa, perseveranza u jitlaqqmu dejjem aktar fil-fidi. Mal-Mulej Ġesù li bata imma jippersevera fil-fidi u l-fedeltà tiegħu lejn Alla, in-nisrani jieħu wkoll sehem fir-rebħa ta' Dak li jimxi warajh.



# 'IL-LHUD' FL-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA U FL-ATTI TAL-APPOSTLI (3)

*Rev. Dr Martin Micallef ofm cap*

Fit-tieni parti ta' din is-serje ta' artikli fuq it-tema tal-Lhud fl-Evanġelju skont San Luqa u fl-Atti tal-Appostli, bdejna naraw xi raġunijiet li għalihom dan l-awtur kiteb mhux biss l-Evanġelju imma wkoll it-tieni volum, jiġifieri l-Atti tal-Appostli. Tajna bosta teoriji kif inhuma ppreżentati minn studjużi differenti u rajna li dawn il-pożizzjonijiet ilkoll għandhom




il-punt dgħajjef tagħhom. F'din it-tielet u l-aħħar parti sejrin inkomplu nippruvaw inwieġbu għall-mistoqsija l-għala dan l-Evanġelista kiteb l-Atti tal-Appostli. It-tweġiba għal din il-mistoqsija tista' tkompli tgħinna nagħrfu l-mod kif dan l-Evanġelista jevalwa lil-Lhud fiż-żewġ volumi li kiteb: Luqa-Atti.

## Id-Dewmien tal-*Parousia*

Fl-1957, H. Conzelmann ippubblika ktieb importanti ħafna fuq San Luqa li ġie tradott bl-Ingliż u ppubblikat fl-1960.[1] Dan il-ktieb fetaħ perspettivi ġodda fuq l-istudji ta' Luqa-Atti, speċjalment permezz tal-pożizzjoni li ppreżenta, dik li l-knisja li għaliha kiteb San Luqa kienet qed taffaċja kriżi fit-tmiem l-ewwel seklu minħabba li t-tieni miġja ta' Kristu, il-*Parousia*, li tant kienet mistennija, fil-fatt kienet għadha ma seħħitx.

Conzelmann kien tal-fehma li minħabba din is-sitwazzjoni ta' diżappunt, San Luqa 'konxjament' irreveda t-tradizzjoni li sab minn kitbiet li kitbu dawk ta' qablu. Dan għamlu

billi elimina dawk ir-referenzi għall-aspettattiva imminenti tat-tmiem id-dinja u t-tieni miġja ta' Kristu.

F'dan is-sens, għal San Luqa, il-*Parousia* ma kinetx xi ħaġa li l-insara kellhom ikomplu jistennew malajr, iżda biss xi ħaġa li kellha sseħħ f'futur indeterminat fil-bogħod. Minħabba f'hekk, San Luqa bħala teologu issostitwixxa it-twemmin fl-*eskatoloġija* għal twemmin fl-*istorja tas-salvazzjoni*, li huwa qasam fi tliet żminijiet differenti. L-ewwel, iż-żmien tat-Testment il-Qadim li kien jinkludi lil Ġwanni l-Battista. It-tieni, iż-żmien ta' Kristu. It-tielet, iż-żmien tal-Knisja. Conzelmann wera li l-fatt li San Luqa kiteb l-Atti tal-Appostli f'forma ta' storja tal-Knisja Ewlenija kien parti minn dan il-proċess li fih ried jagħti tifsira għad-dewmin tal-*Parousia.*

Meta wieħed jevalwa l-pożizzjoni ta' Conzelmann bla dubju ta' xejn se jsib elementi ta' verità, iżda l-pożizzjoni tiegħu li d-dewmien tal-*Parousia* fissret kriżi li messet biss il-Knisja li għaliha San Luqa kien qed jikteb hija xi ħaġa li tmur 'il hemm minn kull evidenza. San Pawl, li kiteb l-Ittri tiegħu daqs 30 jew 40 sena qabel Luqa, diġà jidher li kien iċċaqlaq mill-pożizzjoni li hu u l-insara ta' żmienu kienu qed jistennew it-tieni miġja ta' Kristu fi żmien meta huma jkunu għadhom ħajjin,[2] għall-pożizzjoni li fiha huwa jkun diġà miet qabel isseħħ il-*Parousia.*[3]

Dan ma jfissirx li San Luqa ma kienx preokkupat b'din il-ħaġa. Meta wieħed jaqra ż-żewġ volumi ta' San Luqa jinduna li hemm evidenza kbira li tissuġġerixxi li hu kien konxju tad-dewmin tat-tieni miġja ta' Kristu u li hu irranġa xi tradizzjonijiet li sab biex iwieġeb għal din il-ħaġa. Minkejja dan, fl-istess kitbiet ta' San Luqa, wieħed isib ukoll evidenza qawwija oħra li twassal għal direzzjoni opposta li tissuġerixxi li t-Tmiem huwa imminenti u li wieħed għandu jieħu din il-ħaġa bl-akbar serjetà. Hekk, per eżempju, turi l-parabbola tal-ħalliel li jiġi bil-lejl u l-qaddejja li jishru.[4]

## L-Awtur u l-Qarrejja Tiegħu

Meta nqisu t-teorija ta' Conzelmann u ta' dawk li ppreżentajna diġà fit-tieni parti ta' din is-serje ta' artikli ninnutaw, li waħda mid-dgħufijiet ta' dawn it-teoriji hija li dawn donnhom ma ppurvaw isaqsu xejn dwar l-udjenza li għaliha kien qed jikteb San Luqa. Id-daħla tal-Evanġelju ta' San Luqa (Lq 1,1-4) turina li Luqa-Atti kien qed jikteb qabel xejn lil ċertu Teofilu, li huwa jiddeskrivih bħala xi ħadd li kien diġà 'tgħallem' (bil-Grieg: *katecheo)* it-twemmin nisrani.

Jidher li din il-kelma – *katecheo* - tirreferi għal xi tip ta' tagħlim jew struzzjoni mogħtija lil xi ħadd li kien ingħaqad mal-Knisja. L-għan ta' dan kien li jagħti "ċertezza" [bil-Grieg: *asphaleia*][5] (Lq 1,4) lil Teofilu "dwar il-ġrajjiet li seħħew fostna" (1,1). Mela mhux biss il-*passat,* imma wkoll il-ġrajjiet jew iċ-ċirkustanzi

*preżenti,* kellhom bżonn ta' interpretazzjoni. F'kelma oħra, il-frażi "li seħħew fostna" hawn tilħaq ukoll iż-żmien li fih kien qed jgħix u jikteb dan l-Evanġelista.

L-espressjoni "li seħħew fostna" hija fil-forma passiva. Fl-idjoma biblika, din il-forma grammatikali turi li s-suġġett tal-azzjoni huwa l-Mulej Alla nnifsu. Mela, l-espressjoni "li seħħew fostna" tfisser "realtajiet li l-Mulej temm fostna." In-narrativa, għalhekk, hija dwar il-mod kif il-Mulej Alla temm il-wegħdiet tiegħu sal-mument preżenti meta San Luqa kien qed jikteb l-Atti tal-Appostli.

Il-mistoqsija tibqa': għaliex kien hemm bżonn li San Luqa jagħti "ċertezza" lil Teofilu? U kif narrativa miktuba "ħaġa b'ħaġa" (v.3) kellha tagħmel dan? Huwa proprju hawn li San Luqa jipprovdilna ħjiel importanti li permezz tiegħu nistgħu nifhmu dak li kiteb.

Fil-ktieb tiegħu dwar San Luqa, Robert Maddox,[6] jinnota li hemm żvilupp sostenibbli fuq it-tema ta' "Iżrael u l-Ġentili/ Pagani" mill-ewwel Kapitlu tal-Evanġelju skont San Luqa sal-Kapitlu 28 tal-Atti tal-Appostli. Maddox jiddefendi l-pożizzjoni li dan iseħħ minħabba li l-Ewlenin Insara, li kienu magħmula kemm mil-Lhud kif ukoll mill-Ġentili, kienu l-mira ta' kritika u attakk minn Lhud oħra li baqgħu m'aċċettawx lil Ġesù bħala l-Messija, u li kienu tefgħu f'dubbju kemm l-Insara kienu tassew parti mill-poplu ta' Alla.

Quddiem din l-oppożizzjoni, jista' jagħti l-każ li xi wħud mill-Insara bdew jiddubidaw il-pożizzoni tagħhom. Il-problema kienet sempliċi imma profonda. Il-wegħdiet ta' Alla saru lill-poplu ta' Iżrael permezz ta' Abraham. Jekk il-poplu storiku issa ma kienx jippossiedi aktar il-barkiet imwiegħda minn Alla



għaliex dawn għaddew għand xi ħadd ieħor, dan x'implikazzjonijiet għandu fuq il-fedeltà ta' Alla lejn il-wegħdiet tiegħu? F'kelma oħra, il-Mulej Alla kien ittradixxa l-poplu tiegħu u l-kelma tiegħu stess? U jekk il-Mulej Alla ma baqax fidil lejn Iżrael, il-poplu tiegħu, kemm kien aktar faċli li issa jitradixxi lill-Ġentili? Il-problema mela li San Luqa jindirizza fin-narrativa tiegħu kienet waħda dwar Alla.

Billi rrakkonta "ħaġa b'ħaġa" (1,3) dak li kien seħħ, San Luqa donnu ried juri li l-Mulej Alla l-ewwel temm il-wegħdiet tiegħu mal-poplu ta' Iżrael, u mbagħad huwa wessa' l-wegħdiet tiegħu lill-Ġentili. Għalhekk, minħabba li l-Mulej Alla wera kemm tassew kien fidil lejn il-Lhud, il-kelma tiegħu li waslet għand il-Pagani kienet ukoll kelma ta' min joqgħod fuqha.

## Storiku-Apoloġetiku

Huwa hawn li nistgħu naslu biex nifhmu l-importanza tal-espressjoni "deherli li għandi niktiblek kollox *ħaġa b'ħaġa*" (1,3), espressjoni li San Luqa jinkludiha fil-bidunett tal-Evanġelju huwa u jindirizza lil Teofilu li lilu ndirizza l-kitba tiegħu.

Fid-dawl ta' din il-konklużjoni nistgħu ngħidu li San Luqa huwa storiku apoloġetiku ta' sura speċjali. Huwa medd għonqu sabiex ikompli jikteb l-istorja biblika fl-Atti tal-Appostli, mhux biex jiddefendi l-moviment nisrani kif ħasbu xi wħud mill-istudjużi li diġà għamilna referenza għalihom fit-tieni parti ta' din is-serje ta' artikli. Minflok, San Luqa kien pjuttost qed jiddefendi l-mod kif il-Mulej Alla ħadem fl-istorja tas-salvazzjoni.



San Luqa għamel dan billi wera kif l-istorja ta' Ġesù Kristu ssib l-għeruq tagħha f'dik ta' Iżrael, u billi wera kif Alla kien żamm il-wegħdiet tiegħu ma' Iżrael. Filwaqt li għamel dan, San Luqa serraħ moħħ il-qarrejja Ġentili li għalihom kien qed jikteb li huma jistgħu jafdaw fil-fedeltà tal-Kelma ta' Alla lejhom ukoll.

Din il-pożizzjoni tgħinna nifhmu l-elementi differenti li nsibu f'Luqa-Atti fir-rigward tat-trattament tal-Lhud. Fid-dawl ta' dawn, per eżempju, nistgħu nifhmu l-importanza li San Luqa jagħti lill-aspett Lhudi fil-ħajja ta' Ġesù u fil-ħajja ta' tant figuri oħra twajba li jintroduċi fin-narrattiva. F'kelma oħra, dan kollu jispjega tant pożizzjonijiet pożittivi u favur il-Lhud li nsibu fiż-żewġ volumi ta' San Luqa.

Fl-istess ħin, din l-istess pożizzjoni tgħinna nifhmu wkoll in-numru ta' orakli ta' ġudizzji li Ġesù jtenni kontra l-Lhud u l-belt ta' Ġerusalemm, kif ukoll dwar ir-rwol tal-mexxejja Lhud fil-mewt ta' Ġesù.

Jekk aħna korretti fil-konklużjoni tagħna, mela, nistgħu ngħidu li l-għan li għalih inkitbu Luqa-Atti huwa biex juru l-kontinwità li hemm bejn il-moviment nisrani u t-tamiet tal-poplu Lhudi. Fl-istess ħin, dawn il-kitbiet joffru wkoll spjegazzjoni għaliex dawn il-wegħdiet ma seħħewx mal-poplu ta' Iżrael. L-għan ewlieni ta' Luqa-Atti, huwa li jagħti lill-qarrejja oriġinali 'ċertezza' li l-messaġġ nisrani li huma kienu semgħu u laqgħuh, huwa wieħed validu u veru.

Għal dan il-għan, San Luqa kellu jirrakkonta kemm l-istorja ta' Ġesù, kif ukoll l-istorja tax-xhieda tal-knisja li kienet waslet is-salvazzjoni lil dawk kollha li semgħuha u laqgħuha. It-tema ewlenija f'Luqa-Atti, mela, hija waħda li tgħin lill-Knisja, magħmula kemm mil-Lhud kif ukoll mill-Ġentili, li hija kienet f'kontinwità mal-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla bħalma kien muri fl-Iskrittura. Ġesù hu l-Messija, u l-Knisja hija l-poplu ta' Alla, minkejja li ħafna mill-poplu Lhudi kien falla milli jemmen f'Ġesù.

## Konklużjoni

L-iżvilupp tat-tema tal-Lhud f'Luqa-Atti, mela, teskludi kull idea li l-Lhud ġew imwarrba kompletament f'dawn iż-żewġ volumi. Il-Knisja li għaliha kien qed jikteb San Luqa kienet waħda magħmula mil-Lhud u mill-Pagani. Dan ma jfissirx li San Luqa ma approvax l-idea ta' ġudizzju fuq Iżrael. Dan hu indikat b'mod ċar f'punti differenti tal-Evanġelju.[7] Dan jidher ukoll fl-Atti bl-aħħar kwotazzjoni ta' San Pawl minn Isaija 6. San Luqa wera li dawk li ġew wara Ġesù xandru l-istess wegħda ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha, mhux biss għal dawk li bi dritt kienu jagħmlu parti mill-poplu ta' Alla, imma lil kulħadd. L-espressjoni l-aktar ċara ta' din it-tema hija l-missjoni tal-Knisja lejn il-pagani li tiddomina n-narrativa tal-Atti. Il-konverżjoni tal-Ġentili hija l-eżempju l-aktar

ċar tal-konvinzjoni ta' San Luqa li l-bnedmin kollha "isalvaw permezz tal-grazzja tal-Mulej Ġesù" (Atti 15,11).

San Luqa qatt ma qata' qalbu mit-"tama ta' Iżrael" (Atti 28,20). Bħalma jagħmel fl-Evanġelju, hekk ukoll fl-Atti, dan l-awtur jirreżisti milli jwarrab għal kollox lil-Lhud b'mod totali. Fl-ewwel parti tal-Atti, huma l-mexxejja reliġjużi Lhud li jagħmlu reżistenta lill-appostli bħalma għamlu qabel lil Ġesù nnifsu. Il-poplu jikkonverti b'numri kbar bħala tweġiba għall-predikazzjoni tal-appostli.

San Luqa, fil-fatt, jinnota l-progress fil-mod kif il-komunità nisranija tal-bidu baqgħet tikber bl-eluf[8] u kif din kienet magħmula mil-Lhud.[9] F'kelma oħra, parti kbira tal-poplu Lhudi sar parti mill-poplu l-ġdid ta' Alla f'Ġerusalemm. Saħansitra fil-Pentekoste, in-numru ta' dawk li kkonvertew kien jinkludi bosta pellegrini Lhud mid-Diaspora.[10] Hekk ukoll meta San Pawl beda l-missjoni tiegħu, b'mod konsistenti huwa l-ewwel mar għand Lhud oħra fis-sinagogi tagħhom biex ixandrilhom lil Kristu.[11] Saħansitra, l-aħħar xena tal-Atti tintemm billi tippreżenta lil San Pawl jippriedka lil Kristu Ġesù lill-mexxejja Lhud f'Ruma.

San Luqa, mela, juri kif mhux il-Lhud kollha, imma biss xi wħud mil-Lhud irrifjutaw il-messaġġ tal-Evanġelju. Bosta Lhud ingħaqdu mal-moviment nisrani. L-oppożizzjoni ma ġietx mill-poplu kollu imma biss min-naħa ta' "xi wħud" (Atti 19,9), anke jekk l-espressjoni "xi wħud" xi drabi tidher li qed tirreferi għall-biċċa l-kbira tal-poplu.[12]

San Luqa għalhekk ma jqisx lil Iżrael b'mod monolitiku bħala ħażin jew bħala poplu li ma emminx. Bil-kuntrarju, l-evidenza tissuġġerixxi li San Luqa jenfasizza l-qasma fil-poplu ta' Iżrael bi tweġiba għal Ġesù u l-messaġġ tiegħu mxandar mid-dixxipli tiegħu.

## Referenzi


1 Ara H. Conzelmann, *The Theology of St Luke*, London 1960.

2 Ara 1 Tess 4,14; 1 Kor 15,51.

3 Ara Fil 1,23.

4 Ara Lq 12,39-40.

5 It-Tielet Edizzjoni tal-Bibbja tal-*Għaqda Biblika Maltija* ittraduċit din il-kelma bħala "verità."

6 Ara Robert Maddox, *The Purpose of Luke-Acts*, Edinburgh 1982.

7 Ara Lq 13,1-9; 19,11-27.41-44; 20,9-18; 21,20.

8 Ara Atti 2,41; 4,4.

9 Ara Atti, 2,41.47; 4,4; 5,14; 6,1.7.

10 Ara Atti 2,5-11.

11 Ara, per eżempju, Atti 13,5; 14,1.

12 Ara Atti 17,5; 18,6.



# L-IMPERATUR KOSTANTINU U L-ART IMQADDSA

***Vincenzo Ruggieri SJ***

*Traduzzjoni mir-Rivista "Terra Santa", Nuova Serie Anno VIII, 3 (2013) 28-23*

Fix-xitwa tas-sena 313, wara li ħalla Ruma, Kostantinu mar lejn Milan biex jiltaqa' mal-Awgustu l-ieħor, Licinio. F'dik l-okkażjoni, barra miż-żwieġ bejn Licinio u Kostanza, oħt Kostantinu, iż-żewġ Awgusti kellhom mod kif jivvalutaw dak kollu li kien jaqbel għall-futur ta' strateġija politika u għall-istess sigurtà tal-imperu. Fil-kuntest ta' dawn it-taħdidiet l-Awgusti qablu dwar pożizzjoni komuni li kellhom jieħdu fil-konfront tal-Kristjaneżmu. Skont opinjoni komuni kien waqt din il-laqgħa li ħareġ il-famuż Editt ta' Milan, dokument li kellu jirregolarizza l-qagħda tal-Kristjaneżmu fl-imperu. Din is-sena qegħdin infakkru l-1700 anniversarju ta' dan l-Editt li biddel l-istorja. Fil-fatt ma waslilna l-ebda dokument tal-editt li ħareġ ġewwa Milan, imma hemm biss żewġ kopji li kienu ppubblikati fl-Orjent minn Licinio, wieħed f'Nikomedja u l-ieħor f'Cesarija tal-Palestina, u li jagħtuna ħjiel dwar dak li ftiehmu fuqu ż-żewġ imperaturi fil-laqgħa ta' Milan.

Qabel ma naraw il-kontenut tal-editt li ħareġ Licinio, jaqbel li nistaqsu jekk din il-laqgħa ta' Milan kellhiex ukoll il-funzjoni li twettaq, b'mod kompletament radikali u ġdid, dak li kien diġà twettaq sentejn qabel mill-imperatur Galerju, fis-sena 311, u qablu minn Galljenu. Diġà lejn nofs is-seklu 3 kienet teżisti kontradizzjoni li tħallina miblugħin. Bir-rebħa tal-Persjani fuq l-imperatur Valerjanu, kienu bosta dawk li ttieħdu lsira lejn il-Persja. Valerjanu kien ħaqar lill-Kristjani, imma fil-Persja dawk ir-Rumani li ttieħdu bħala lsira saru aktar sinjuri milli kienu f'art twelidhom, u bil-ħila tagħhom il-Kristjaneżmu sab diversi proseliti fl-Orjent. Iben Valerjanu, Galljenu, waqqaf il-persekuzzjoni kontra l-Kristjani b'editt ta' tolleranza, u għalkemm f'perjodu ta' gwerra, hu ggarantixxa perjodu twil ta' kalma reliġjuża. Galerju kien kontinwatur fidil tal-politika ta' Djoklezjanu li mis-sena 303 sas-sena 304 organizza persekuzzjoni feroċi kontra l-Kristjani. Qered knejjes, ħaraq fin-nar il-kotba mqaddsa, u l-Kristjani kienu mneżżgħin mill-karigi tagħhom u ttorturati sal-mewt. Galerju kompla din il-politika ta' persekuzzjoni sakemm intebaħ li kienet inutli għax il-Kristjani kienu qegħdin juru reżistenza iebsa. Meta sar jaf li din il-persekuzzjoni ma kienet se twassal imkien, u qrib il-mewt, l-Awgustu ppublika editt imperjali f'April tas-sena 311 li fih stqarr, anki jekk b'sens ta' imrar, li billi ma rnexxilux ibiddel l-istil ta' ħajja tal-Kristjani, hu kien issa lest li jittollera l-kult tagħhom, u l-laqgħat u r-reliġjon tagħhom kienu legali sakemm ma kinux imorru kontra l-ġid pubbliku. L-Imperatur ikkonkluda l-editt tiegħu billi talab lill-Kristjani jitolbu għalih lil Alla, u jitolbu għall-ġid tiegħu u tal-Imperu.

L-editt tas-sena 313 kellu ton għal kollox differenti. Billi kien iqis li l-qima lejn id-divinità kienet tikkostitwixxi dmir fil-kuntest tal-Imperu, l-Awgusti Kostantinu u Licinio kkonċedew (*daremus*) lill-Kristjani u lill-

abitanti l-oħrajn kollha tal-Imperu l-potestà libera li jsegwu dik ir-reliġjon li huma xtaqu, b'tali mod li kienet liema kienet id-divinità fl-isfera tas-sema din setgħet tkun mimlija ħniena u benevolenza lejn l-Imperaturi u lejn is-sudditi tagħhom. B'hekk il-Kristjaneżmu akkwista l-ħelsien biex wieħed jistqarru u jgħixu. Din il-libertà, iżda, ma kinetx privileġġ għall-Kristjani waħedhom, imma kienet applikabbli għar-reliġjonijiet l-oħrajn kollha tal-Imperu. Kostantinu u s-suċċessuri tiegħu kellhom jikkonservaw it-titlu ta' *Pontifex Maximus*, titlu pagan li kellu storja twila. L-istess Kostantinu, kontra dak li jaħsbu ħafna, ma għamel l-ebda sforz biex isegwi politika ta' qerda ta' tempji pagani. Fl-editt kien hemm ċertament enfasi partikulari lejn il-Kristjani: dawk ir-restrizzjonijiet kollha li kienu previsti mil-liġi kienu annullati. Il-proprjetà immobbli li kienet ittieħdet mill-Kristjani fl-imgħoddi kellha tkun restitwita u t-teżor Imperjali kellu jagħmel tajjeb għal dawn ir-riżarċimenti.

Fit-18 ta' Settembru 324 Kostantinu għamel rebħa fuq Licinio, li kien jiggverna fl-Orjent tal-Imperu, u sar l-uniku Imperatur. Malli sar monarka assolut, skont l-istoriku tal-Knisja Ewsebju ta' Cesarija, Kostantinu beda serje ta' inizjattivi favur il-Kristjani, hekk li ried li l-popli tal-Orjent ikunu ħaġa waħda mal-popli tal-Oċċident tal-Imperu.

Fis-sena 325 l-Imperatur sejjaħ il-Konċilju ta' Nicea, li fih ikkundanna lill-eretiku Ario, għalkemm l-effetti ta' din id-duttrina baqgħu jinħassu sal-Konċilju ta' Kalċedonja tas-sena 381. Fis-sena 330 Kostantinu inawgura Ruma ġdida, il-belt ta' Kostantinopli. Kostantinu miet f'Nikomedja, qabel il-gwerra kontra l-Persjani fil-Bitinja, fis-sena 337. Skont tradizzjoni Kostantinu talab il-magħmudija qabel ma miet. Għammdu l-isqof Arjan ta' Nicomedia, Ewsebju. L-effett finali tal-Editt ta' Milan li ħareġ Kostantinu kien il-fatt li fis-sena 380 l-Imperatur Teodosju I ikkmanda li r-reliġjon Kristjana kellha tkun ir-reliġjon uffiċjali tal-Imperu.

Skont it-tradizzjoni, l-episodju li l-aktar immarka l-ħajja ta' Kostantinu u ta' ommu Elena kien is-sejba tas-salib ta' Kristu. Il-fatt seħħ fil-kuntest ta' pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa li l-Imperatriċi wettqitu lejn tmiem ħajjitha (326-327).

Sa dak il-mument Elena, omm Kostantinu, kellha ħajja mqallba. Id-dettalji biografiċi dwarha huma pjuttost skarsi. Twieldet fi Drepanum fil-Bitinja, fit-Turkija tal-lum. Fonti tas-seklu 4 li jsewgu l-*Breviarium ab Urbe condita* ta' Eutropio, kollha jaqblu fl-affermazzjoni li Elena kienet mara tal-poplu. Aurelio Ambrogio kien l-ewwel wieħed li qal li kienet *stabularia*, jiġifieri mara li taħdem fl-istalel, jew inkella lukandiera. Xi fonti oħrajn, l-aktar dawk tardivi, li nkitbu wara li Kostantinu sar Imperatur (Kostantinu li twieled fis-sena 280 kien frott

unjoni lleġittima bejn Elena u Kostanzo Cloro) jippreferu jibqgħu siekta dwar il-kundizzjoni soċjali tagħha.

L-isqof u storiku Ewsebju ta' Cesarija, awtur ta' *Vita Constantini*, jgħidilna li Elena kellha 80 sena meta ġiet lura mill-Palestina. Kien proprju f'Ġerusalemm fejn jiddisrivihielna Rufino fli *Historia Ecclesiastica*, bħala "mara li ma kienx hemm bħalha fil-fidi, sinċerità ta' reliġjon u tjubija singulari tagħha."

X'aktarx li Elena kienet saret taf bil-Kristjani fi Treviri fejn kien sejħilha Kostantinu biex tgħix miegħu. Hi bdiet tagħraf min kien Ġesù ta' Nazaret meta kienet taqra t-testi sagri u tisma' lix-xhieda li kienu għamlu vjaġġi fl-Art Imqaddsa. Fl-aħħar hi ħasset ix-xewqa li tmur tfittex, li tmur biex tara, u biex tmiss b'idejha dak li kienet temmen fih, dik il-fidi li kienet qed tikkonslaha f'ħajjitha, wara snin twal ta' mħabbiet, tradimenti, abbanduni, glorja u vjolenza. Kien messaġġ ġej mill-Orjent dwar Alla li kien twieled fqajjar (fi stalla), u li kien miet fuq is-salib, u li kien webbes rasu li jippriedka l-imħabba lejn il-bnedmin kollha.

Malli waslet Ġerusalemm, Elena qiegħdet għad-dispożizzjoni ir-rikkezzi kollha li binha kien taha. Fil-fatt fis-sena 324 hi kienet bdiet tissejjaħ *Augusta et*



*Imperatrix*. Riedet tinqeda b'dawn ir-rikkezzi biex issib it-tifkiriet Kristjani fl-Art Imqaddsa. Biex tibni bażiliċi mill-isbaħ fil-postijiet li kienu mqaddsin bil-preżenza tal-Mulej. Skont xi storiċi, barra minn motivazzjonijiet reliġjużi, il-vjaġġ ta' Elena fl-Art Imqaddsa kellu wkoll xi motivazzjonijiet ta' natura politika. L-Editt ta' Milan kien immarka bidla radikali fl-Orjent: kien għaldaqstant meħtieġ li turi kif il-kult Kristjan kien issa sar popolari u importanti bil-ħidma tal-Imperatur innifsu.

Fl-Art Imqaddsa, bil-ħidma tal-arkitetti ta' Kostantinu, Elena bniet tliet bażiliċi majjestużi fuq it-tliet għerien mistiċi, jiġifieri l-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem, il-Bażilika tar-Risurrezzjoni fuq il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu, u l-Bażilika tal-Eleona fuq il-grotta li fiha Kristu għallem lill-appostli t-talba tal-Missierna.

Il-figura ta' din il-qaddisa, li dwarha l-leġġenda bniet kult li xtered fil-Knisja, l-aktar fl-Orjent, fejn fl-ikonografija tiġi rappreżentata ma' binha Kostantinu u s-salib rebbieħ ta' Kristu, baqgħet marbuta b'mod intimu mal-Art Imqaddsa, fejn hi ħadmet biex tkabbar il-kult lejn il-misteri ewlenin tal-fidi tagħna, l-aktar dawk tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa fuq is-salib.

